**Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta’ dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu**

►B **ID-DIRETTIVA 2000/60/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tat-23 ta' Ottubru 2000**

**li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika ta' l-ilma**

(ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Id-Deċiżjoni Nru 2455/2001/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Novembru 2001 | L 331 | 1 | 15.12.2001 |
| ►M2 | Direttiva 2008/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Marzu 2008 | L 81 | 60 | 20.3.2008 |
| ►M3 | Direttiva 2008/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Diċembru 2008 | L 348 | 84 | 24.12.2008 |
| ►M4 | Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ April 2009 | L 140 | 114 | 5.6.2009 |

▼B

# ID-DIRETTIVA 2000/60/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tat-23 ta' Ottubru 2000

## li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika ta' l-ilma

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEJA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([2]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([3]),

Waqt li jaġixxu bi skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([4]) u fid-dawl tat-test konġunt approvat fit-18 ta' lulju tas-sena 2000 mill-Kumitat tal-Konċiljazzjoni,

Billi:

(1) L-ilma mhuwiex prodott kummerċjali bħal kull prodott ieħor imma, pjuttost, wirt li għandu jiġi protett, difiż u ttrattat bħala tali.

(2) Il-konklużjonijiet tas-Seminar Ministerjali tal-Politika Komunitarja ta' l-ilma fi Frankfurt fl-1988 enfasizza il-ħtieġa ta' leġislazzjoni Komunitarja li tkopri kwalità ekoloġika. Il-Kunsill fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Ġunju tal-1988 ([5]) talab lill-Kummissjoni biex tressaq proposti biex tittejjeb il-kwalità ekoloġika ta' l-ilmijiet tal-wiċċ Komunitarji.

(3) Id-dikjarazzjoni tas-Seminar Ministerjali fuq l-ilma ta' taħt l-art, miżmuma f'The Hague fl-1991 irrikonoxxiet il-ħtieġa li tittieħed azzjoni biex tiġi evitata deterjorazzjoni għal żmien twil fil-kwalità u l-kwantità ta' ilma ħelu u talbet programm ta' azzjonijiet sabiex ikunu implimentati sas-sena 2000 bl-għan ta' mmaniġġjar sostenibbli u protezzjoni ta' riżorsi ta' l-ilma ħelu. Fir-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-25 ta' Frar 1992 ([6]) u l-20 ta' Frar tal-1995 ([7]), il-Kunsill talab programm ta' azzjoni għall-ilma ta' taħt l-art u reviżjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 80/68/KEE tas-17 ta' Diċembru tal-1979 fuq il-protezzjoni ta' l-ilma ta' taħt l-art minn tniġġis kawżat minn ċerti sustanzi perikolużi ([8]), bħala parti minn politika ġenerali fuq il-protezzjoni ta' l-ilma ħelu.

(4) Ilmijiet fil-Komunità huma taħt pressjoni dejjem tiżdied mit-talba dejjem tikber għall-kwantitajiet suffiċenti ta' ilma ta' kwalità tajba għal kull skop. Fl-10 ta' Novembru tal-1995, l-Aġenzija Ewropea ta' l-ambjent fir-rapport tagħha 'Ambjent fl-Unjoni Ewropea - 1995' ippreżentat rapport aġġornat dwar l-istat ta' l-ambjent, waqt li kkonfermat il-ħtieġa għal azzjoni sabiex ikunu protetti l-ilmijiet Komunitarji, kemm f'termini kwalitattivi kif ukoll f'termini kwantitattivi.

---

([1]) ĠU Ċ 184, 17.6.1997, p. 20., ĠU Ċ 16, 20.1.1998, p. 14 u ĠU Ċ 108, 7.4.1998, p. 94.
([2]) ĠU C 355, 21.11.1997, p. 83.
([3]) ĠU C 180, 11.6.1998, p. 38.
([4]) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Frar ta' l-1999 (ĠU C 150, 28.5.1999, p. 419), ikkonfermata fis-16 ta' Settembru ta' l-1999, u l-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tat-22 t'Ottubru ta' l-1999 (ĠU C 343, 30.11.1999, p. 1). Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Settembru 1999 u Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-14 ta' Diċembru ta' l-1999.
([5]) ĠU C 209, 9.8.1988, p. 3.
([6]) ĠU C 59, 6.3.1992, p. 2.
([7]) ĠU C 49, 28.2.1995, p. 1.
([8]) ĠU L 20, 26.1.1980, p. 43. Direttiva kif emendata minn Direttiva 91/692/KEE (ĠU L 377, 31.12.1991, p. 48).

▼B

(5) Fit-18 ta' Diċembru tal-1995, il-Kunsill adotta konklużjonijiet li jeħtieġu, *inter alia*, it-tfassil ta' Direttiva qafas ġdida li tistabbilixxi l-prinċipji bażiċi ta' politika sostenibbli ta' l-ilma fl-Unjoni Ewropea u tistieden lill-Kummisjoni biex tipproponi proposta.

(6) Fil-21 ta' Frar tal-1996 il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fuq il-politika ta' l-ilma tal-Komunità Ewropea li tistabbilixxi l-prinċipji għal politika Komunitarja ta' l-ilma.

(7) Fid-9 ta' Settembru tal-1996 il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq programm ta' azzjoni għal protezzjoni integrata u mmaniġġjar ta' l-ilma ta' taħt l-art ([1]). F'dik il-proposta il-Kummissjoni mmirat lejn il-ħtieġa li jkunu stabbiliti proċeduri għar-regolazzjoni sabiex jittella' l-ilma ħelu u għall-monitoraġġ tal-kwalità u l-kwantità ta' l-ilma ħelu.

(8) Fid-29 ta' Mejju tal-1996 il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill fuq l-użu bil-għaqal u konservazzjoni ta' artijiet mistagħdra, li rrikonoxxiet il-funzjonijiet importanti li għandhom fil-protezzjoni tar-riżorsi ta' l-ilma.

(9) Huwa meħtieġ li tiġi żviluppata politika Komunitarja integrata fuq l-ilma.

(10) Il-Kunsill fil-25 ta' Ġunju tal-1996, il-Kumitat tar-Reġjuni fid-19 ta' Settembru tal-1996, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali fis-26 ta' Settembru tal-1996, u l-Parlament Ewropew fit-23 t' Ottubru tal-1996 kollha talbu lill-Kummissjoni biex tipproponi proposta għal Direttiva tal-Kunsill li twaqqaf qafas għal politika Ewropea ta' l-ilma.

(11) Kif stabbilit fl-Artikolu 174 tat-Trattat, il-politika Komunitarja fuq l-ambjent għandha tikkontribwixxi għal għanijiet ta'priservar, protezzjoni u titjib tal-kwalità ta' l-ambjent, f'użu prudenti u razzjonali tar-riżorsi naturali, u li din tkun bażata fuq il-prinċipju prekawzjonarju, u fuq il-prinċipji li, azzjonijiet preventivi għandhom jittieħdu, il-ħsara għall-ambjent trid, bħala prijorità, tkun ikkoreġuta fil-bidu u li minn iniġġeż iħallas.

(12) Skond l-Artikolu 174 tat-Trattat, fil-preparazzjoni tal-politika tagħha fuq l-ambjent, il-Komunità għanda tieħu in konsiderazzjoni ta' *data* xjentifika u teknika disponibbli, kundizzjonijiet ta' l-ambjent fir-reġjuni varji tal-Komunità, u l-iżvilupp sħiħ ekonomiku u soċjali tal-Komunità u l-iżvilupp bilanċjat tar-reġjuni tagħha kif ukoll il-benefiċċji potenzjali u l-ispejjeż ta' l-azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni.

(13) Hemm diversi kundizzjonijiet u ħtiġiet fil-Komunità li jeħtieġu soluzzjonijiet speċifiċi differenti. Id-diversità trid tiġi kunsidrata fl-ippjanar u l-eżekuzzjoni ta' miżuri biex tkun żgurata l-protezzjoni u l-użu sostenibbli ta' l-ilma fil-qafas tal-baċin tax-xmara. Id-deċiżjonijiet iridu jittieħdu viċin kemm jisa' jkun tal-lokazzjonijiet fejn l-ilma huwa affetwat jew użat. Trid tingħata prijorità għal azzjoni li taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri mit-tfassil ta' programmi ta' miżuri aġġustati għal kundizzjonijiet reġjonali u lokali.

(14) Is-suċċess ta' din id-Direttiva jibbaża fuq koperazzjoni mill-viċin u azzjoni koerenti f'livell Komunitarju, livell tal-Istati Membri u lokali kif ukoll fuq informazzjoni, konsultazzjoni u involviment tal-pubbliku, inklużi l-utenti.

(15) Il-forniment ta' l-ilma huwa servizz ta' interess ġenerali kif imsemmi fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni fuq servizzi ta' interess ġenerali fl-Ewropa ([2]).

---

([1]) ĠU C 355, 25.11.1996, p. 1.
([2]) ĠU C 281, 26.9.1996, p. 3.

▼B

(16) Aktar integrazzjoni ta' protezzjoni u mmaniġġjar sostenibbli ta' ilma f'oqsma oħra ta' politika Komunitarja bħal enerġija, trasport, agrikoltura, sajd, politika reġjonali u turiżmu huwa meħtieġ. Din id-Direttiva trid tipprovdi bażi għal djalogu li jibqa' għaddej u għal żvilupp ta' strateġiji dwar aktar integrazzjoni ta' oqsma politiċi. Din id-Direttiva tista' wkoll tagħmel kontribuzzjoni importanti għal oqsma oħra ta' koperazzjoni bejn l-Istati Membri, *inter alia*, il-perspettiva Ewropea dwar l-iżvilupp spazjali (ESDP).

(17) Politika effettiva u koerenti ta' l-ilma trid tieħu in konsiderazzjoni l-vulnerabbiltà ta' ekosistemi akkwatiċi li jinsabu viċin il-kosta u estwarji jew ġo golfijiet jew ibħra relativament magħluqa, peress li l-ekwilibriju tagħhom huwa influenzat ħafna mill-kwalità ta' l-ilmijiet interni li jnixxu għal ġo fihom. Protezzjoni ta' l-istat ta' ilma fi ħdan baċini tax-xmara jipprovdu benefiċji ekonomiċi billi jikkontribwixxi għall-protezzjoni tal-popolazzjoni tal-ħut, inklużi popolazzjoni tal-ħut tal-kosta.

(18) Politika Komunitarja ta' l-ilma teħtieġ qafas leġiżlattiv trasparenti, effettiv u koerenti. Il-Komunità trid tipprovdi prinċipji komuni u l-qafas ġenerali għal azzjoni. Din id-Direttiva għandha tipprovdi għal dan il-qafas u tikkordina u ssaħħaħ, u, f'perspettiva itwal, tiżviluppa aktar il-prinċipji u strutturi ġenerali għall-protezzjoni u użu sostenibbli ta' ilma fil-Komunità skond il-prinċipji tas-sussidjarjeta‘.

(19) Din id-Direttiva timmira sabiex iżżomm u ttejjeb l-ambjent akwatiku fil-Komunità. Dan l-iskop huwa primarjament konċernat mal-kwalità tal-ilmijiet konċernati. Il-kontroll tal-kwantità huwa element anċillari fl-assigurazzjoni tal-kwalità ta' l-ilma u b'hekk miżuri fuq il-kwantità, li għandhom l-għan li jassiguraw kwalità tajba, iridu jkunu stabbiliti wkoll.

(20) L-istatus kwantitattiv ta' korp ta' ilma ta' taħt l-art jista' jkollu impatt fuq il-kwalità ekoloġiku ta' l-ilma tal-wiċċ u ekosistemi terrestri assoċjati ma' dak il-korp ta' l-ilma ta' taħt l-art.

(21) Il-Komunità u l-Istati Membri huma parti f'numru ta' ftehim internazzjonali li jkun fihom obbligazzjonijiet importanti fuq il-protezzjoni ta' ilmijiet marittimi mit-tniġġiż, partikolarment il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni ta' l-ambjent Marittimu taż-Żona tal-Baħar Baltiku, iffirmat f'Helsinki fid-9 ta' April ta l-1992 u approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/157/KE ([1]), il-Konvenzjoni għal Protezzjoni ta' l-ambjent Martittimu ta' l-Atlantiku tal-Grigal, iffirmata f'Pariġi fit-22 ta' Settembru tal-1992 u approvata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/249/KE ([2]), u l-Konvenzjoni għall-Protezzjoni Kontra t-Tniġġiż tal-Baħar Mediterran, iffirmata f'Barċellona fis-16 ta' Frar tal-1976 u approvata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 77/585/KEE ([3]), u l-Protokoll tagħha għall-Protezzjoni Kontra t-Tniġġiż mis-Sorsi Bażati fuq l-Art tal-Baħar Mediterran, iffirmata f'Ateni fiż-17 ta' Mejju tal-1980 u approvata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 83/101/KEE ([4]). Din id-Direttiva hija maħsuba biex tikkontribwixxi sabiex il-Komunità u l-Istati Membri ikunu kapaċi jilħqu dawk l-obbligazzjonijiet.

(22) Din id-Direttiva għandha tikkontribwixxi sabiex jittnaqqsu b'mod progressiv l-emissjonijiet ta' sustanzi perikolużi għall-ilma.

(23) Prinċipji komuni huma meħtieġa sabiex jikkordinaw l-isforzi tal-Istati Membri biex tittejjeb il-protezzjoni tal-ilmijiet Komunitarji f'termini ta' kwantità u kwalità, sabiex jippromwovu użu sostenibbli ta' l-ilma, biex jikkontribwixxu għall-kontroll ta' problemi ta' l-ilma lil hinn mill-fruntiera, biex jipproteġu ekosistemi akkwatiċi u ekosistemi terrestri f'artijiet mistagħdra li direttament

([1]) ĠU L 73, 16.3.1994, p. 19
([2]) ĠU L 104, 3.4.1998, p. 1.
([3]) ĠU L 240, 19.9.1977, p 1.
([4]) ĠU L 67, 12.3.1983, p. 1.

▼B

jiddependu fuqhom, u s-salvagwardja u l-iżvilupp tal-użu potenzjali tal-ilmijiet Komunitarji.

(24) Kwalità tajba ta' l-ilma tikkontribwixxi sabiex ikun żgurat il-forniment ta' l-ilma tax-xorb għall-popolazzjoni.

(25) Definizzjonijiet komuni tal-istat ta' l-ilma f'termini ta' kwalità u, fejn hu relevanti għall-iskop tal-protezzjoni ta' l-ambjent, ta' kwantità, iridu jkunu mwaqqfa. Għandhom ikunu ffissati għanijiet ambjentali biex jiżguraw stat tajjeb fl-ilma tal-wiċċ u tal-qiegħ fil-Komunità u li tkun imwaqqfa d-deterjorazzjoni fl-istat tal-ilmijiet f'livell Komunitarju.

(26) L-Istati Membri jridu jimmiraw biex jilħqu l-għan ta' għall-inqas stat tajjeb ta' ilma billi jiddefinixxu u jimplimentaw il-miżuri meħtieġa fi ħdan il-programmi integrati ta' miżuri, filwaqt li jikkunsidraw il-ħtiġiet Komunitarji eżistenti. Fejn stat ta' ilma tajjeb jeżisti diġa, għandu jkun miżmum. Għal ilma ta' taħt l-art, b'żieda mal-ħtieġa ta' stat tajjeb, kull *trend* sinifikanti u sostnuta ta' żieda fil-konċentrazzjoni ta' xi kontaminant trid tkun identifikata u mreġġa lura għal li kienet.

(27) L-għan aħħari ta' din id-Direttiva huwa li jkunu eliminati sustanzi perikolużi prioritarji u li tgħin sabiex jinkisbu konċentrazzjonijiet fl-ambjent marittimu viċin tal-*background values* għal sustanzi li jfiġġu b'mod naturali naturali.

(28) Ilmijiet tal-wiċċ u tal-qiegħ huma fil-prinċipju riżorsi naturali li jiġġeddu; partikolarment, il-ħidma sabiex ikun żgurat stat tajjeb ta' l-ilma ta' taħt l-art, teħtieġ azzjoni bikrija u ppjanar stabbli fit-tul ta' miżuri ta' protezzjoni, minħabba d-dewmien naturali ta' żmien fil-formazzjoni u t-tiġdid tiegħu. Dan it-tul ta' żmien għat-titjib irid jiġi kkunsidrat fl-orarji meta jkunu qed jiġu stabbiliti miżuri sabiex jinkiseb stat tajjeb ta' ilma ta' taħt l-art u ttreġġieħ lura għal dak li kien ta' kull *trend* sostnuta fiż-żieda fil-konċentrazzjoni ta' kull kontaminant fl-ilma ta' taħt l-art.

(29) Sabiex jinkisbu l-għanijiet maħsuba f'din id-Direttiva, u fit-twaqqif ta' programm ta' miżuri sabiex jintlaħqu dawk l-għanijiet, l-Istati Membri jistgħu jimplimentaw il-programm ta' miżuri f'fażijiet sabiex jitqassmu l-ispejjeż tal-implimentazzjoni.

(30) Sabiex tkun żgurata implimentazzjoni sħiħa u konsistenti ta' din id-Direttiva, kull estensjoni fit-tul ta' żmien trid issir fuq bażi ta' kriterji xierqa, evidenti u trasparenti u tkun ġustifikata mill-Istati Membri fil-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċini tax-xmara.

(31) F'każi fejn korp ta' l-ilma ikun tant affetwat minn attività umana jew il-kondizzjoni naturali tiegħu tkun tant li jkun unfeasable jew għoli wisq biex jintlaħaq stat tajjeb, għanijiet ambjentali anqas stretti jistgħu ikunu stabbiliti fuq il-bażi ta' kriterja xierqa, evidenti u trasparenti, u għandhom jittieħdu l-passi prattikabbli biex tiġi prevenuta aktar deterjorazzjoni tal-istat tal-ilmijiet.

(32) Jista' jkun hemm raġunijiet għal eżenzjonijiet mill-ħtiġiet biex tiġi prevenuta aktar deterjorazzjoni jew sabiex jinkiseb stat tajjeb taħt kundizzjonijiet speċifiċi, jekk in-nuqqas huwa ir-riżultat ta' ċirkostanzi imprevisti jew eċċezzjonali, partikolarment dulluvji u nuqqas ta' xita, jew, għal raġunijiet ogħla ta' interess pubbliku, ta' modifikazzjonijiet ġodda għall-karatteristiċi fiżiċi ta' korp ta' l-ilma tal-wiċċ jew alterazzjonijiet sal-livell ta' korpi ta' l-ilma ta' taħt l-art, sakemm il-passi kollha prattikabbli jittieħdu biex jitnaqqsu l-impatti ta' ħsara fuq l-istat tal-korp ta' l-ilma.

(33) L-għan sabiex jinkiseb stat tajjeb ta' ilma jrid ikun segwit għal kull baċin tax-xmara, sabiex miżuri fir-rigward ta' l-ilma tal-wiċċ u tal-qiegħ li jappartjenu għall-istess sistema ekoloġika, idroloġika u idroġeoloġika, ikunu kordinati.

▼B

(34) Għall-iskopijiet ta' protezzjoni ta' l-ambjent hemm ħtieġa kbira għal integrazzjoni akbar ta' aspetti kwalitattivi u kwantitattivi kemm ta' l-ilma tal-wiċċ u kemm ta' l-ilma ta' taħt l-art, filwaqt li jkunu kunsidrati l-kundizzjonijiet ta' tnixxija naturali ta' l-ilma fi ħdan iċ-ċiklu idroloġiku.

(35) Fi ħdan baċin tax-xmara fejn l-użu ta' l-ilma jista' jkollu effetti li jmorru lil hinn mill-fruntiera, il-ħtiġiet sabiex jinkisbu l-għanijiet ambjentali stabbiliti f'din id-Direttiva, u partikolarment il-programmi kollha tal-miżuri, iridu jkunu kordinati għad-distrett sħiħ tal-baċin tax-xmara. Għal baċini tax-xmara li jmorru lil hinn mill-fruntiera tal-Komunità, l-Istati Membri jridu jagħmlu ħilithom biex jiżguraw il-kordinazzjoni xierqa ma' l-Istati relevanti li mhumiex membri. Din id-Direttiva hija maħsuba biex timplimenta l-obbligazzjonijiet Komunitarji taħt konvenzjonijiet internazzjonali fuq il-protezzjoni u l-immaniġġjar ta' l-ilma, partikolarment il-Konvenzjoni tan-Nazzjoni Uniti fuq il-protezzjoni u l-użu ta' korsijiet ta' l-ilma li jaqbżu l-fruntiera u lagi internazzjonali, approvata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/308/KE ([1]) u kull ftehim suċċessiv dwar l-applikazzjoni tagħha.

(36) Huwa meħtieġ li jsiru analiżi tal-karatteristiċi ta' baċin tax-xmara u tal-impatti ta' attività umana kif ukoll analiżi ekonomiċi ta' użu ta' l-ilma. L-iżvilupp fi stat ta' ilma jrid ikun immonitorjat mill-Istati Membri fuq bażi sistematika u komparabbli fil-Komunità kollha. Din l-informazzjoni hija meħtieġa sabiex tipprovdi bażi serja għall-Istati Membri biex jiżviluppaw programmi ta' miżuri mmirati sabiex jinkisbu l-għanijiet stabbiliti b'din id-Direttiva.

(37) L-Istati Membri jridu jidentifikaw l-ilmijiet użati għat-teħid ta' ilma tax-xorb u jiżguraw konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 80/778/KEE tal-15 tal-Lulju tal-1980 dwar il-kwalità ta' ilma maħsub għal konsum uman ([2]).

(38) L-użu ta' strumenti ekonomiċi mill-Istati Membri jista' jkun xieraq bħala parti minn programm ta' miżuri. Il-prinċipju tal-irkuprar tal-ispejjeż tas-servizzi ta' l-ilma, inklużi l-ispejjeż ambjentali u tar-riżorsi assoċjati ma' ħsara jew impatt negattiv fuq l-ambjent akkwatiku jrid jiġi kunsidrat bi qbil, partikolarment, mal-prinċipju ta' minn iniġġes iħallas. Analiżi ekonomika tas-servizzi ta' l-ilma bbażata fuq previżjonijiet fit-tul tal-forniment u t-talba għall-ilma fid-distrett tal-baċin tax-xmara ser tkun meħtieġa għal dan l-iskop.

(39) Hemm bżonn ta' prevenzjoni jew tnaqqis tal-impatt tal-inċidenti fejn l-ilma huwa aċċidentalment imniġġes. Miżuri bl-għan li jagħmlu dan iridu jkunu inklużi fil-programm ta' miżuri.

(40) B'konsiderazzjoni ta' prevenzjoni u kontroll ta' tniġġiż, politika komunitarja ta' l-ilma trid tkun ibbażata fuq metodu kombinat li juża' l-kontroll ta' tniġġiż fil-bidu tiegħu, billi jistabbilixxi valuri limiti ta' emmissjonijiet u *standards* ta' kwalità ambjentali.

(41) Għall-kwantità ta' l-ilma, prinċipji ġenerali jridu jkunu satbbiliti għall-kontroll fuq it-teħid u s-sekwestru sabiex tkun żgurata s-sostenibbilità ambjentali tas-sistemi ta' l-ilma affettwati.

(42) *Standards* ta' kwalità komuni ambjentali u valuri limiti ta' emmissjoni għal ċerti gruppi jew familji ta' kontaminanti għandhom ikunu stabbiliti bħala ħtiġiet minimi fil-leġislazzjoni Komunitarja. disposizzjonijiet għall-adottazzjoni ta' ċerta *standards* f'livell komunitarju jridu jkunu assigurati.

(43) Tniġġis mill-ħruġ, emmissjoni jew ħruġ ta' sustanzi perikolużi prioritarji jrid jitwaqqaf jew jiġi mnaqqas f'fażijiet. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill iridu, fuq proposta mill-Kummissjoni,

([1]) ĠU L 186, 5.8.1995, p. 42.
([2]) ĠU L 229, 30.8.1980, p. 11. Direttiva kif l-aħħar emendata mid-Direttiva 98/83/KE (ĠU L 330, 5.12.1998, p. 32).

▼B

jaqblu fuq is-sustanzi biex jiġu kunsidrati għal azzjoni bħala prijorità u fuq miżuri speċifiċi li jridu jittieħdu kontra t-tniġġis ta' l-ilma b'dawk is-sustanzi, b'konsiderazzjoni tas-sorsi sinifikanti kollha, u jidentifikaw il-livell effettiv tal-infieq u proporzjonali u l-ikkumbinar ta' kontrolli.

(44) Fl-identifikazzjoni ta' sustanzi perikolużi prioritarji, irid jiġi kkunsidrat il-prinċipju prekawzjonarju, li jibbaża partikolarment fuq id-determinazzjoni ta' kull effett ta' ħsara potenzjali tal-prodott u fuq stima xjentifika tar-riskju.

(45) L-Istati Membri jridu jadottaw miżuri biex jeliminaw tniġġiż ta' l-ilma tal-wiċċ minn sustanzi prioritarji u progressivament biex inaqqsu t-tniġġis b'sustanzi oħra, li inkella jxekkel Stati Membri milli jilħqu l-għanijiet għall-korpi ta' l-ilma tal-wiċċ.

(46) Biex tkun assigurata l-parteċipazzjoni tal-pubbliku ġenerali inklużi utenti ta' l-ilma fit-twaqqif u aġġornament tal-pjanijiet ta' l-immaniġġjar tal-baċin tax-xmara, huwa meħtieġ li tkun provduta informazzjoni adattata ta' miżuri maħsuba u biex jiġi rapportat fuq il-progress ma' l-implimentazzjoni tagħhom bi skop għall-involviment tal-pubbliku ġenerali qabel deċiżjonijiet finali fuq il-miżuri meħtieġa huma adottati.

(47) Din id-Direttiva trid tipprovdi mekkaniżmu biex tindirizza xkiel għall-progress fit-titjib tal-istat ta' l-ilma meta dawn jaqgħu barra mill-iskop tal-leġislazzjoni Komunitarja ta' l-ilma, bi skop ta' żvilupp ta' strateġiji Komunitarji xierqa biex jingħelbu.

(48) Il-Kummissjoni trid tippreżenta annwalment pjan aġġornat għal kull inizzjattiva li għandha intenzjoni tipproponi għas-settur ta' l-ilma.

(49) Speċifikazzjonijiet tekniċi jridu jkunu stabbiliti sabiex jiżguraw metodu koerenti fil-Komunità bħala parti minn din id-Direttiva. Kriterji għal evalwazzjoni ta' stat ta' l-ilma huma pass importanti il-quddiem. L-adozzjoni ta' ċerti elementi tekniċi għal żvilupp tekniku u l-istandardizzazzjoni ta' monitoraġġ, metodi ta' teħid ta' kampjun/i u ta' analiżi jridu jkunu adottati bil-proċedura tal-kumitati. Biex ikun promoss ftehim sħiħ u applikazzjoni konsistenti tal-kriterji għal karatterizzazzjoni tad-distretti tal-baċin tax-xmara u evalwazzjoni tal-istat ta' l-ilma, il-Kummissjoni għanda tadotta linji gwida fuq l-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji.

(50) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva jridu jiġu adottati bi qbil mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju tal-1999 li tistabbilixxi proċeduri għall-eżerċitazzjoni tal-poteri ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni ([1]).

(51) L-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandha tilħaq livell ta' protezzjoni tal-ilmijiet għall-inqas ekwivalenti għal dik provduta f'ċerti atti li saru qabel, li b'hekk iridu jiġu mħassra kemm il-darba id-disposizzjonijiet relevanti ta' din id-Direttiva jkunu ġew implimentati bis-sħiħ.

(52) Id-disposizzjonijiet ta' din id-direttiva jieħdu post il-qafas għal kontroll tat-tniġġiż b'sustanzi perikolużi imwaqqaf bid-Direttiva 76/464/KEE ([2]). Dik id-Direttiva trid b'hekk titħassar kemm il-darba d-disposizzjonijiet relevanti ta' din id-Direttiva jkunu implimentati bis-sħiħ.

(53) Implimentazzjoni sħiħa u tisħiħ ta' leġislazzjoni eżistenti ta' l-ambjent għall-protezzjoni tal-ilmijiet trid tkun assigurata. Huwa meħtieġ li tkun assigurata l-applikazzjoni adattata tad-disposizzjonijiet li jimplimentaw din id-Direttiva f'kull parti tal-Komunità

([1]) ĠU C 184, 17.7.1999, p. 23.
([2]) ĠU L 129, 18.5.1976, p. 23. Direttiva kif emendata mid-Direttiva 91/692/KEE (ĠU L 377, 31.12.1991, p. 48).

▼B

permezz ta' penali xierqa provduti mill-leġislazzjoni tal-Istati Membri. Dawn il-penali jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Kamp ta' applikazzjoni**

L-iskop ta' din id-Direttiva huwa li tistabbilixxi qafas għall-protezzjoni ta' l-ilmijiet tal-wiċċ interni, ilmijiet temporanji, ilmijiet tal-kosta u ilmijiet ta' taħt l-art li:

(a) jipprevjeni aktar deterjorazzjoni u jipproteġi u jżid l-istatus tal-ekosistemi akkwatiċi u, bil-konsiderazzjoni tal-ħtiġiet tagħhom ta' l-ilma, ekosistemi terrestri u artijiet mistagħdra li jiddependu direttament fuq ekosistemi akkwatiċi;

(b) jippromwovi użu sostenibbli ta' l-ilma bbażat fuq protezzjoni fit-tul ta' riżorsi disponibbli ta' l-ilma;

(ċ) għandu l-għan li jipproteġi u jtejjeb l-ambjent akkwatiku, *inter alia*, permezz ta' miżuri speċifiċi li jnaqqsu b'mod progressiv il-ħruġ, l-emmissjonijiet u t-telf ta' sustanzi prioritarji u l-waqfien jew waqfien f'fażijiet ta' ħruġ, emmissjonijiet u telf ta' sustanzi prioritarji perikolużi;

(d) jiżgura t-tnaqqis progressiv ta' tniġġiż ta' l-ilma ta' taħt l-art u jipprevjeni aktar tniġġiż tiegħu, u

(e) jikkontribwixxi għal tnaqqis ta' l-effetti ta' dulluvji u nixfa ta' xita

u b'hekk jikkontribwixxi:

— sabiex ikun provdut il-forniment suffiċjenti ta' kwalità tajba ta' ilma tal-wiċċ u tal-qiegħ kif meħtieġ għal użu ta' l-ilma b'mod sostenibbli, bilanċjat u ekwitabbli,

— riduzzjoni sinifikanti fit-tniġġiż ta' l-ilma tal-qiegħ,

— il-protezzjoni ta' ilmijiet territorjali u marittimi, u

— sabiex ikunu milħuqa l-għanijiet ta' ftehim internazzjonali relevanti, inklużi dawk li jimmiraw għal prevenzjoni u eleminazzjoni tat-tniġġiż ta' l-ambjent marittimu, permezz ta' l-azzjoni Komunitarja taħt l-Artikolu 16(3) biex jitwaqqfu jew jitwaqqfu f'fażijiet il-ħruġ, l-emmissjonijiet u t-telf ta' sustanzi prioritarji perikolużi, bl-għan aħħari li jinkisbu konċentrazzjonijiet fl-ambjent marittimu viċin tal-*background values* għal sustanzi naturali li jokkorru u viċin iż-żero għal sustanzi sintetiċi magħmula mill-bniedem.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva d-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

1. "ilma tal-wiċċ": ifisser ilmijiet interni, barra ilma ta' taħt l-art; ilmijiet temporanji u ilmijiet tal-kosta, minbarra fejn jirrigwarda stat kimiku li għali għandhom ikunu inklużi ukoll ilmijiet territorjali.

2. "ilma ta' taħt l-art": ifisser l-ilma kollu li huwa taħt il-wiċċ ta' l-art fiż-żona ta' saturazzjoni u f'kuntatt dirett mal-ħamrija tal-qiegħ jew ta' taħt.

3. "ilma intern": ifisser kull ilma qiegħed jew li jnixxi fuq wiċċ l-art, u kull ilma ta' taħt l-art madwar l-art tal-linja ta' bażi minfejn il-wisa' tal-ilmijiet territorjali huwa mkejjel.

▼B

4. “Xmara”: tfisser korp ta' ilma intern li jnixxi bil-parti l-kbira fuq wiċċ l-art imma li jista' jnixxi taħt l-art f'parti mill-kors tiegħu.

5. “Lag”: ifisser korp ta' l-ilma tal-wiċċ intern qiegħed.

6. “Ilmijiet temporanji”: huma korpi ta' l-ilma tal-wiċċ fil-viċinanza ta' bokki tax-xmara li huma parzjalment salini naturali bħala riżultat tal-prossimità tagħhom għal ilmijiet tal-kosta imma li huma sostanzjalment influenzati minn tnixxija ta' ilma ħelu.

7. “ilma tal-kosta”: ifisser ilma tal-wiċċ fuq il-ġenb tal-linja viċin ta' l-art, li kull punt tiegħu huwa f'distanza ta' mil nawtiku fin-naħa ta' barra tal-baħar mill-aktar punt viċin tal-linja ta' bażi minn fejn il-wisa' tal-ilmijiet territorjali jiġu mkejla, estiż fejn xieraq sal-limitu ta' barra ta' l-ilmijiet transizzjonali.

8. “Korp artifiċjali ta' l-ilma”: ifisser korp ta' l-ilma tal-wiċċ magħmul minn attività tal-bniedem.

9. “Korpta' l-ilma modifikat ħafna”: ifisser korp ta' l-ilma tal-wiċċ fejn bħala riżultat ta' alterazzjonijiet fiżiċi minn attività umana huwa mibdul sostanzjalment naturali, kif nominat minn l-Istati Membri bi qbil mad-disposizzjonijiet ta' l-Anness II.

10. “Korp ta' ilma tal-wiċċ”: ifisser element diskret u sinifikanti ta' ilma tal-wiċċ bħal lag, *reservoir*, ilma kurrenti, xmara jew kanal, parti minn ilma kurrenti, xmara jew kanal, ilma transizzjonali jew tul ta' ilma kostali.

11. “Akwifikatur”: ifisser saff jew saffi ta' blat taħt il-wiċċ jew ta' saffi ġeoloġiċi fuq xulxin ta' porożità suffiċenti u permeabilità biex jitħalla jew tnixxija sinifikanti ta' l-ilma ta' taħt l-art jew li jkunu mtella' kwantitajiet sinifikanti ta' ilma ta' taħt l-art.

12. “Korp ta' ilma ta' taħt l-art”: ifisser volum distint ta' ilma ta' taħt l-art b'akwifikatur jew akwifikaturi.

13. “Baċin tax-xmara”: ifisser żona ta' art minn fejn kull ilma ġieri tal-wiċċ inixxi minn sekwenza ta' ilma kurrenti, xmajjar u, possibilment, lagi għal ġo l-baħar minn bokka waħda ta' xmara, estwarju jew *delta*.

14. “Sotto-baċin”: ifisser iż-żona ta' art minn fejn l-uċuħ kollha jiġru minn ġo serje ta' kurrenti ta' l-ilma, xmajjar u, possibilment, lagi għal punt partikolari f'kors ta' l-ilma (normalment lag jew konfluenzi ta' xmara).

15. “Distrett ta' baċin tax-xmara”: ifisser iż-żona ta' art u baħar, magħmula minn wieħed jew aktar baċini tax-xmara fil-qrib flimkien ma' l-ilmijiet assoċjati tagħhom u ilmijiet tal-kosta, li huwa identifikat taħt l-Artikolu 3(1) bħala l-unità prinċipali għall-immaniġġjar ta' baċini ta' l-ilma.

16. “Awtorità kompetenti”: tfisser awtorità jew awtoritajiet identifikati taħt l-Artikolu 3(2) jew 3(3).

17. “Stat ta' l-ilma tal-wiċċ”: hija l-espressjoni ġenerali ta' stat ta' korp ta' l-ilma tal-wiċċ, stabbilit mill-ifqar stat ekoloġiku u tal-istat kimiku tiegħu.

18. “Stat tajjeb ta' ilma tal-wiċċ”: ifisser l-istat milħuq mill-korp ta' l-ilma tal-wiċċ meta l-istat ekoloġiku u l-istat kimiku tiegħu huma għall-inqas “tajbin”.

19. “Stat ta' l-ilma ta' taħt l-art”: hija l-espressjoni ġenerali ta' stat ta' korp ta' l-ilma ta' taħt l-art, stabbilit mill-ifqar stat kwantitattiv u tal-istat kimiku tiegħu.

20. “Stat tajjeb ta' ilma ta' taħt l-art”: ifisser l-istat milħuq mill-korp ta' l-ilma ta' taħt l-art meta l-istat kwantitattiv u l-istat kimiku tagħhom huma għall-inqas “tajbin”.

▼B

21. "Stat ekoloġiku": hija espressjoni tal-kwalità ta' struttura u funzjoni ta' ekosistemi akkwatiċi assoċjati ma' l-ilma tal-wiċċ, klassifikati skond l-Anness V.

22. "Stat ekoloġiku tajjeb": huwa l-istat ta' korp tal l-ilma tal-wiċċ, kif klassifikat skond l-Anness V.

23. "Potenzjal ekoloġiku tajjeb": huwa l-istat ta' korp ta' l-ilma modifikat ħafna jew artifiċjali, kif klassifikat bi qbil mad-disposizzjonijiet relevanti ta' l-Anness V.

24. "Stat kimiku tajjeb ta' ilma tal-wiċċ": ifisser l-istat kimiku meħtieġ biex jilħaq għanijiet ta' l-ambjent ta' l-ilma tal-wiċċ imwaqqaf fl-Artikolu 4(1)(a), li huwa l-istat kimiku milħuq minn korp ta' ilma tal-wiċċ fejn konċentrazzjoni ta' kontaminanti ma' jaqbżux l-*istandards* tal-kwalità ambjentali imwaqqfa fl-Anness IX u taħt l-Artikolu 16(7), u taħt leġislazzjoni Komunitarja relevanti oħra li jwaqqfu *standards* ta' kwalità ambjentali fil-livell Komunitarju.

25. "Stat kimiku tajjeb ta' ilma ta' taħt l-art": huwa l-istat kimiku ta' korp ta' l-ilma ta' taħt l-art, li jilħaq il-kundizzjonijiet kollha maħruġa fit-tabella 2.3.2 ta' l-Anness V.

26. "Stat kwantitattiv": hija espressjoni tal-grad ta' fejn korp ta' l-ilma ta' taħt l-art huwa affetwat b'estrazzjonijiet diretti u indiretti.

27. "Riżorsi disponibbli ta' l-ilma ta' taħt l-art": ifissru ir-rata ta' bejn wieħed u ieħor annwali ta' żmien twil ta' mili mill-ġdid ġenerali tal-korp ta' l-ilma ta' taħt l-art li minnu tnaqqas ir-rata ta' bejn wieħed u ieħor annwali ta' żmien twil ta' tnixxija meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet ta' kwalità ekoloġika għall-ilma tal-wiċċ speċifikat taħt l-Artikolu 4, biex jiġu evitati kull tnaqqis sinifikanti fl-istat ekoloġiku ta' dawn l-ilmijiet u biex tiġi evitata kull ħsara sinifikanti għal ekosistemi sinifikanti terrestri.

28. "Stat tajjeb kwantitattiv": huwa l-istat defenit fit-tabelli 2.1.2 ta' l-Anness V.

29. "Sustanzi perikolużi": ifissru sustanzi jew gruppi ta' sustanzi li huma tossiċi, persistenti u responsabbli għal bio-akkumulazzjoni, u sustanzi oħra jew gruppi ta' sustanzi li joħolqu l-istess livell ta' tħassib.

30. "Sustanzi prioritarji": tfisser sustanzi identifikati skond ma' l-Artikolu 16(2) u elenkati fl-Anness X. Fost dawn is-sustanzi hemm "sustanzi prioritarji perikolużi" li jfissru sustanzi identifikati skond l-Artikolu 16(3) u (6) li għalihom miżuri jridu jittieħdu skond l-Artikolu 16(1) u (8).

31. "Kontaminant": ifisser kull sustanza li possibilment tikkawża tniġġiż, partikolarment dawk elenkati fl-Anness VIII.

32. "Ħruġ dirett għal ġo ilma ta' taħt l-art": ifisser ħruġ ta' kontaminanti ġo l-ilma ta' taħt l-art mingħajr tnixxija minn ġo ħamrija jew ħamrija tal-qiegħ.

33. "Tniġġiż": ifisser l-introduzzjoni diretta jew indiretta, bħala riżultat ta' attività umana, ta' sustanzi jew sħana fl-arja, fl-ilma jew fl-art li tista' tkun ta' ħsara għas-saħħa umana jew il-kwalità ta' ekosistemi akkwatiċi jew ekosistemi terrestri li jiddependu direttament fuq ekosistemi akkwatiċi, li jirriżultaw fi ħsara għal propjetà materjali, jew li titfixkel jew titħawwad ma' amenitajiet u użi leġittimi oħra ta' l-ambjent.

34. "Għanijiet ambjentali": ifissru l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 4.

35. "*Standards* ta' kwalità ambjentali": tfisser il-konċentrazzjoni ta' kontaminant partikolari jew grupp ta' kontaminanti fl-ilma, sediment jew bijota li ma' jridux jiġu maqbuża sabiex jipproteġu s-saħħa umana u l-ambjent.

▼B

36. "Metodu kombinat": ifisser il-kontroll ta' ħruġ u emmissjonijiet fl-ilma tal-wiċċ skond il-metodu stabbilit fl-Artikolu 10.

37. "ilma maħsub għal konsum uman": għandu l-istess tifsira bħal fid-Direttiva 80/778/KEE, kif emendata bid-Direttiva 98/83/KE.

38. "Servizzi ta' l-ilma": ifisser is-servizzi kollha li jipprovdu, għad-djar, istituzzjonijiet pubbliċi jew kull attività ekonomika:

(a) estrazzjoni, teħid, ħażna, trattament u distribuzzjoni ta' ilma tal-wiċċ jew tal-qiegħ,

(b) kollezzjoni ta' skart ta' l-ilma u faċilitajiet ta' trattament li sussegwentement joħorġu fl-ilma tal-wiċċ.

39. "Użu ta' l-ilma": ifisser servizzi ta' l-ilma flimkien ma' kull attività oħra identifikata taħt l-Artikolu 5 u l-Anness II li jkollhom impatt sinifikanti fuq l-istat ta' l-ilma.

Dan il-kunċett japplika għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 1 u ta' l-analiżi ekonomiċi magħmula skond l-Artikolu 5 u l-Anness III, punt (b).

40. "Valuri limiti ta' emmissjoni": ifissru il-massa, espressa f'termini ta' ċerta parametri speċifiċi, konċentrazzjoni u/jew livell ta' emmissjoni, li ma' jridux jiġu maqbuża waqt kull perjodu jew perjodi ta' ħin. Valuri limiti ta' emmissjoni jistgħu ukoll jitniżżlu għal ċerta gruppi, familji jew kategoriji ta' sustazni, partikolarment għal dawk identifikati taħt l-Artikolu 16.

Il-valuri limiti ta' emmissijoni għal sustanzi jridu normalment japplikaw fil-punt fejn l-emmissjonijiet iħallu l-istallazzjoni, maħlul, li jkun ta' indifferenza għal meta jiġu stabbiliti. Bil-konsiderazzjoni għal ħruġ indirett fl-ilma, l-effett ta' trattament minn impjant ta' skart ta' l-ilma jista' jiġi kunsidrat waqt li jkunu qed jiġu stabbiliti l-valuri limiti ta' emmissjoni ta' stallazzjoni involuti, fejn livell ekwivalenti huwa garantit għal protezzjoni ta' l-ambjent bis-sħiħ u provdut li dan ma' jwassalx għal livelli għolja ta' tniġġiż fl-ambjent.

41. "Kontrolli ta' emmissjoni": huma kontrolli li jeħtieġu limitazzjoni speċifika ta' emmissjoni, għal istanza ta' valur limitu ta' emmissjoni, jew inkella limiti ta' speċifikazzjoni jew kundizzjonijiet fuq l-effetti, natura jew karatteristiċi oħra ta' emissjoni jew kundizzjonijiet operattivi li jaffetwaw l-emmissjonijiet. L-użu tat-terminu "kontroll ta' emmissjoni" f'din id-Direttiva fir-rigward tad-disposizzjonijiet ta' kull Direttiva oħra ma' jridx jiġi kunsidrat bħala interpretazzjoni mill-ġdid ta' dawk id-disposizzjonijiet f'kull rispett.

*Artikolu 3*

**Kordinazzjoni ta' arranġamenti amministrattivi fi ħdan id-distretti tal-baċin tax-xmara**

1. L-istati Membri jridu jidentifikaw il-baċini individwali tax-xmara li qegħdin fi ħdan it-territorju nazzjonali tagħhom u, għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, iridu jassenjawhom għal distretti tal-baċin tax-xmara individwali. Baċini żgħar tax-xmara jistgħu jiġu kombinati ma' baċini akbar tax-xmara jew magħquda ma' baċini żgħar fil-qrib biex jiġu ffurmati distretti ta' baċini tax-xmara individwali fejn xieraq. Fejn ilmijiet ta' taħt l-art ma' jsegwux bis-sħiħ baċin tax-xmara partikolari, iridu jiġu identifikati u assenjati ma' distrett tal-baċin tax-xmara l-aktar viċin jew l-aktar adattat. Ilmijiet tal-kosta jridu jiġu identifikati u assenjati ma' distrett jew distretti ta' baċin tax-xmara l-aktar viċin jew l-aktar adattat.

2. L-Istati Membri jridu jiżguraw l-arranġamenti amministrattivi xierqa, inkluża l-identifikazzjoni ta' awtorità kompetenti xierqa, għall-applikazzjoni tar-regolamenti ta' din id-Direttiva fi ħdan kull distrett tal-baċin tax-xmara li qiegħed fi ħdan it-territorji tagħhom.

▼B

3. L-Istati Membri jridu jiżguraw li baċin tax-xmara li jkopri it-territorju ta' aktar minn Stati Membru wieħed huwa assenjat għal distrett internazzjonali tal-baċin tax-xmara. Fuq talba tal-Istati Membri involuti, il-Kummissjoni trid taħdem biex tiffaċilita l-assenjament ma' dawn id-distretti internazzjonali tal-baċini ta' l-ilma.

Kull Stat Membru jrid jiżgura l-arranġamenti amministrattivi xierqa, inkluża l-identifikazzjoni ta' awtorità kompetenti xierqa, għall-applikazzjoni tar-regolamenti ta' din id-Direttiva fi ħdan il-parti ta' kull distrett tal-baċin tax-xmara li qiegħed fi ħdan it-territorju tiegħu.

4. L-Istati Membri jridu jiżguraw li l-ħtiġiet ta' din id-Direttiva sabiex jintlaħqu l-għanijiet ambjentali skond l-Artikolu 4, u partikolarment li l-programmi kollha tal-miżuri huma kordinati għad-distrett kollu tal-baċin tax-xmara. Għad-distretti internazzjonali tal-baċin tad-distrett l-Istati Membri konċernati jridu flimkien jiżguraw din il-kordinazzjoni u jistgħu, għal dan l-iskop, jużaw strutturi eżistenti li jiġu minn ftehim internazzjonali. Fuq talba tal-Istati Membri involuti, il-Kummissjoni trid tagixxi biex tiffaċilita t-twaqqif tal-programmi tal-miżuri.

5. Fejn distrett tal-baċin ta' l-ilma jestendi il-fuq mit-territorju tal-Komunità, l-Istat Membru jew l-Istati Membri konċernati jridu jagħmlu ħilithom biex iwaqqfu kordinazzjoni xierqa ma' Stati mhux-Membri relevanti, bil-mira li jiksbu l-għanijiet ta' din id-Direttiva fid-distrett tal-baċin ta' l-ilma kollu. L-Istati Membri jridu jiżguraw l-applikazzjoni tar-regolamenti ta' din id-Direttiva fi ħdan it-territorju tagħhom.

6. L-Istati Membri jistgħu jidentifikaw korp nazzjonali jew internazzjonali eżistenti bħala awtorità kompetenti għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva.

7. L-Istati Membri jridu jidentifikaw l-awtorità kompetenti sad-data imsemmija fl-Artikolu 24.

8. L-Istati Membri jridu jipprovdu lill-Kummissjoni b'lista ta' l-awtoritajiet kompetenti tagħhom u tal-korpi internazzjonali kollha li fihom jipparteċipaw mhux aktar tard minnn sitt xhur wara d-data imsemmija fl-Artikolu 24. Għal kull awtorità kompetenti l-informazzjoni stabbilita fl-Anness I trid tkun provduta.

9. L-Istati Membri jridu jinformaw lill-Kummissjoni b'kull tibdil fl-informazzjoni provduta skond paragrafu 8 fi żmien tlett xhur bil-bidla li se tidħol fis-seħħ.

*Artikolu 4*

**Għanijiet ambjentali**

1. Meta l-programmi ta' miżuri speċifikati fil-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara ikunu qed isiru operazzjonali:

(a) *għall-ilma tal-wiċċ*

(i) L-Istati Membri jridu jimplimentaw il-miżuri meħtieġa biex jipprevjenu deterjorazzjoni tal-istat ta' kull korp ta' l-ilma tal-wiċċ, bla ħsara għall-applikazzjoni ta' paragrafi 6 u 7 u mingħajr preġudizzju għal paragrafu 8;

(ii) L-Istati Membri jridu jipproteġu, jenfazizzaw u jsaħħu l-korpi kollha ta' l-ilma tal-wiċċ, bla ħsara għall-applikazzjoni ta' sotto-paragrafu (iii) għal korpi ta' l-ilma artifiċjali u modifikati ħafna, bil-ħsieb li jinkiseb stat tajjeb ta' l-ilma tal-wiċċ mhux aktar tard minn 15 il-sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, bi qbil mad-disposizzjonijiet imniżżla fl-Anness V, bla ħsara għall-applikazzjoni ta' estensjonijiet determinati skond paragrafu 4 u għall-applikazzjoni ta' paragrafi 5, 6 u 7 mingħajr preġudizzju għal paragrafu 8;

(iii) L-Istati Membri jridu jipproteġu u jiżviluppaw il-korpi ta' l-ilma kollha artifiċjali u modifikati ħafna, bil-mira li jinkiseb stat

▼B

tajjeb ta' ilma tal-wiċċ kimiku u potenzjal ekoloġiku tajjeb mhux aktar tard minn 15-il sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, bi qbil mad-disposizzjonijiet imniżżla fl-Anness V, bla ħsara għall-applikazzjoni ta' estensjonijiet determinati skond paragrafu 4 u għall-applikazzjoni ta' paragrafi 5, 6 u 7 mingħajr preġudizzju għal paragrafu 8;

(iv) L-Istati Membri jridu jimplimentaw il-miżuri meħtieġa skond l-Artikolu 16(1) u (8), bil-mira li progressivament jitnaqqas it-tniġġiż minn sustanzi prioritarji u jitwaqqfu jew jitwaqqfu f'fażijiet emmissjonijiet, ħruġ u telf ta' sustanzi prijoritajri perikolużi;

mingħajr preġudizzju għall-ftehim internazzjonali relevanti imsemmija fl-Artikolu 1 għall-partijiet konċernati;

(b) *għall-ilma ta' taħt l-art*

(i) L-Istati Membri jridu jimplimentaw il-miżuri meħtieġa biex jipprevjenu jew jillimitaw id-dħul tal-kontaminanti fl-ilma ta' taħt l-art u biex jipprevjenu id-deterjorazzjoni tal-istat tal-korpi kollha ta' l-ilma ta' taħt l-art, bla ħsara għall-applikazzjoni ta' paragrafi 6 u 7 u mingħajr preġudizzju għal paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu u bla ħsara għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu11(3)(j);

(ii) L-Istati Membri jridu jipproteġu, jiżviluppaw u jsaħħu l-korpi kollha ta' l-ilma ta' taħt l-art, jiżguraw bilanċ bejn estrazzjoni u *charge* mill-ġdid ta' l-ilma ta' taħt l-art, bil-mira għal ksib ta' stat tajjeb ta' l-ilma ta' taħt l-art mhux aktar tard minn 15-il sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, skond mad-disposizzjonijiet imniżżla fl-Anness V, bla ħsara għall-applikazzjoni ta' estensjonijiet determinati skond paragrafu 4 u għall-applikazzjoni ta' paragrafi 5, 6 u 7 mingħajr preġudizzju għal paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu u bla ħsara għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu11(3)(j);

(iii) L-Istati Membri jridu jimplimentaw il-miżuri meħtieġa biex terġa tinġieb lura kif kienet kull *trend* fiż-żieda sinifikanti u sostnuta fil-konċentrazzjoni ta' kull kontaminant li jirriżulta mill-impatt ta' attività umana sabiex progressivament jitnaqqas it-tniġġiż ta' l-ilma ta' taħt l-art.

Miżuri biex tiġi mibdula *trend* iridu jkun implimentati skond paragrafi 2, 4 u 5 ta' l-Artikolu 17, b'konsiderazzjoni ta' l-*istandards* applikabbli stabbiliti bil-leġislazzjoni Komunitarja relevanti, bla ħsara għall-applikazzjoni ta' paragrafi 6 u 7 u mingħajr preġudizzju għal paragrafu 8;

(ċ) *għal żoni protetti*

L-Istati Membri jridu jikkonformaw ma' kull *standard* u ma' l-għanijiet mhux aktar tard minn 15 il-sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, sakemm ma' jkunx speċifikat mod ieħor fil-leġislazzjoni Komunitarja taħt liema, l-oqsma protetti individwali jkunu twaqqfu.

2. Fejn aktar minn wieħed mill-għanijiet taħt paragrafu 1 relatat ma' korp ta' l-ilma partikolari, l-aktar wieħed strett għandu japplika.

3. L-Istati Membri jistgħu jinnominaw korp ta' l-ilma tal-wiċċ bħala artifiċjali jew modifikat ħafna, meta:

(a) il-bidliet fil-karatteristiċi idromorfoloġiċi ta' dak il-korp li huma meħtieġa sabiex jinkiseb stat ekoloġiku tajjeb ikollhom effetti sinifikanti kuntrarji fuq:

(i) ambjent usa';

(ii) navigazzjoni, inklużi faċilitajiet tal-port, jew rikreazzjoni;

▼B

(iii) attivitajiet li għall-iskopijiet tagħhom l-ilma jiġi maħżun, bħal forniment ta' l-ilma tax-xorb, ġenerazzjoni tal-elettriku jew irrigazzjoni;

(iv) regolazzjoni ta' l-ilma, protezzjoni minn dulluvji, drenaġġ ta' l-art, jew

(v) attivitajiet oħra sostenibbli ta' żvilupp uman ugwalment importanti;

(b) l-għanijiet ta' benefiċċju li l-karatteristiċi artifiċjali jew modifikati ħafna tal-korp ta' l-ilma jservu, ma' jistgħux, minħabba raġunijiet ta' fattibilità teknika jew spejjeż disproporzjonati, raġonevolment ikunu miksuba b'modi oħra, li huma għażla sinifikanti ta' ambjent aħjar.

Desinjazzjoni simili u r-raġunijiet għaliha jridu jkunu imsemmija speċifikament fil-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara meħtieġ skond l-Artikolu 13 u riveduti kull sitt snin.

4. It-termini taż-żmien stabbiliti bil-paragrafu 1 jistgħu jiġu estiżi għall-iskopijiet li jinkisbu f'fażijiet l-għanijiet għal korpi ta' l-ilma, sakemm aktar deterjorazzjoni ma' titfaċċax fl-istat tal-korp ta' l-ilma affetwat meta l-kundizzjonijiet kollha li jmiss jintlaħqu:

(a) L-Istati Membri jistabbilixxu li kull titjib meħtieġ fl-istat ta' korpi ta' l-ilma ma' jistgħux ikunu miksuba raġonevolment fit-tul ta' żmien stabbilit f'dak il-paragrafu għall-anqas waħda mir-raġunijiet li jmiss:

(i) l-iskala ta' titjib meħtieġ tista' tkun miksuba biss f'fażijiet li jeċċedu it-tul ta' żmien, għar-raġunijiet ta' fattibilità teknika;

(ii) it-temma tat-titjib f'dan it-tul ta' żmien jista' jkun disproporzjonalment għoli;

(iii) kundizzjonijiet naturali ma' jippermettux żvilupp fil-ħin fl-istat tal-korp ta' l-ilma.

(b) Estensjoni taż-żmien stipulat, u r-raġunijiet għalih, huma speċifikament stabbiliti u spjegati fil-pjan tal-immaniġġjar tal-baċin tax-xmara meħtieġ skond l-Artikolu 13.

— Deċiżjoni tal-Kunsill 77/795/KEE tat-12 ta' Diċembru tal-1977 li jistabbilixxi l-proċedura komuni għall-iskamnju ta' informazzjoni fuq il-kwalità ta' l-ilma ħelu tal-wiċċ fil-Komunità ([2]),

— Direttiva tal-Kunsill 79/869/KEE tad-9 ta' Ottubru 1979 dwar il-metodi ta' miżuri u frekwenzi ta' kampjun u analiżi ta' l-ilma tal-wiċċ maħsub għall-estrazzjoni ta' ilmijiet tax-xorb fl-Istati Membri ([3])

2. Dan li ġej irid jitħassar effettivament minn 13-il sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva:

— Direttiva tal-Kunsill 78/659/KEE tat-18 ta' Lulju 1978 dwar il-kwalità tal-ilma ħelu li jeħtieġu protezzjoni jew titjib sabiex isostnu l-ħajja tal-ħut ([4]),

— Direttiva tal-Kunsill 79/923/KEE tat-30 t'Ottubru tal-1979 dwar il-kwalità meħtieġa għall-ilmijiet tal-frott tal-baħar ([5]),

— Direttiva tal-Kunsill 80/68/KEE tas-17 ta' Diċembru tal-1979 dwar il-protezzjoni ta' ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġiż kawżat minn ċerta sustanzi perikolużi,

— Direttiva 76/464/KEE, bl-eċċezzjoni ta' l-Artikolu 6, li jrid jiġi mħassar effettivament mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

3. Id-disposizzjonijiet transizzjonali għandhom jgħoddu għal Direttiva 76/464/KEE:

(a) il-lista ta' sustanzi prioritarji adottati taħt l-Artikolu 16 ta' din id-Direttiva jridu jibdlu il-lista ta' sustanzi ta' priorità fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni għall-Kunsill tat-22 ta' Ġunju tal-1982;

(b) għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 7 ta' Direttiva 76/464/KEE, Stati Membri jistgħu japplikaw il-prinċipji għall-identifikazzjoni ta' problemi ta' tniġġiż u s-sustanzi li jikkawżawhom, it-twaqqif ta' *standards* ta' kwalità, u l-adozzjoni ta' miżuri, imniżżla f'din id-Direttiva.

4. L-għanijiet ambjentali fl-Artikolu 4 u *standards* ta' kwalità ambjentali imwaqqfa fl-Anness IX u skond l-Artikolu 16(7), u minn Stati Membri taħt l-Anness V għal sustanzi mhux fuq il-lista ta' sustanzi ta' priorità u taħt l-Artikolu16(8) fir-rigward ta' sustanzi ta' priorità li għalihom l-*istandards* Komunitarji ma' ġewx stabbiliti, għandhom jiġu kkunsidrati bħala *standards* ta' kwalità ambjentali għall-iskopijiet ta' punt 7 ta' l-Artikolu2 u l-Artikolu 10 ta' Direttiva 96/61/KE.

5. Fejn sustanza fuq il-lista ta' sustanzi ta' priorità adottati taħt l-Artikolu 16 ma' tkunx inkluża fl-Anness VIII għal din id-Direttiva jew għall-Anness III għal Direttiva 96/61/KE, din trid tkun miżjuda hemmhekk.

6. Għal korpi ta' ilma tal-wiċċ, għanijiet ambjentali mwaqqfa taħt l-ewwel pjan ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara meħtieġa minn din id-Direttiva jridu, għall-inqas, jagħtu effett għall-*istandards* ta' kwalità l-inqas stretti bħal dawk meħtieġa biex jimplimentaw id-Direttiva 76/464/KEE.

---

([1]) ĠU L 194, 25. 7. 1975, p. 26. Direttiva kif l-aħħar emendat mid-Direttiva 91/692/KEE.

([2]) ĠU L 334, 24.12.1977, p. 29. Deċiżjoni kif l-aħħar emendat bl-Att tal-Għaqda 1994.

([3]) ĠU L 271, 29.10.1979, p. 44. Direttiva kif l-aħħar emendata mill-1994 Att ta' Għaqda

([4]) ĠU L 222, 14.8.1978, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar permezz ta' l-Att dwar l-Għaqda 1994

([5]) 29 ĠU L 281, 10.11.1979, p. 47. Direttiva kif emendat mid-Direttiva 91/692/KEE.

▼B

*Artikolu 23*

**Penali**

L-Istati Membri jridu jistabilixxi penali applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skond din id-Direttiva. Il-penali hekk provduti jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

*Artikolu 24*

**Implimentazjoni**

1. Stati Membri għandhom isaħħu l-liġijiet, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jaqblu ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mit-22 ta' Diċembru tas-sena 2003. Għandhom jinformaw immedjatament lill-istess Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir din ir-referenza għandhom ikunu stipulati mill-Istati Membri.

2. Stati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni it-test tad-disposizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam regolat b'din id-Direttiva. Il-Kummissjoni trid tinforma l-Istati Membri l-oħra dwar dawk.

*Artikolu 25*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-ġurnata tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.*

*Artikolu 26*

**L-Indirizzati**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼B

*ANNESS I*

**INFORMAZZJONI MEĦTIEĠA GĦAL-LISTA TA' AWTORITAJIET KOMPETENTI**

Kif meħtieġ skond l-Artikolu 3(8), l-Istati Membri jridu jipprovdu l-informazzjoni li jmiss fuq l-awtoritajiet kompetenti kollha fi ħdan kull distrett tal-baċin tax-xmara kif ukoll il-parti ta' kull distrett tal-baċin tax-xmara li qiegħed fi ħdan it-territorju tagħhom.

(i) Isem u indirizz ta' l-awtorità kompetenti - l-isem u l-indirizz uffiċċjali ta' l-awtorità identifikata taħt l-Artikolu 3(2).

(ii) Kopertura ġeografika tad-distrett tal-baċin ta' l-ilma - l-ismijiet tax-xmajjar prinċipali fi ħdan id-distrett tal-baċin tax-xmara flimkien ma' deskrizzjoni preċiża tal-fruntieri tad-distrett tal-baċin tax-xmara. Din l-informazzjoni trid kemm jista' jkun possibbli tkun disponibbli għal introduzzjoni f'sistema ta' informazzjoni ġeografika (GIS) u/jew is-sistema ta' informazzjoni ġeografika tal-Kummissjoni (GISCO).

(iii) Stat legali ta' awtorità kompetenti - deskrizzjoni ta' l-istat legali ta' l-awtorità kompetenti u, fejn relevanti, sommarju jew kopja tal-istatut tagħha, it-trattat ta' twaqqif jew dokument legali ekwivalenti.

(iv) Responsabbiltajiet - deskrizzjoni tar-responsabbiltajiet legali u amministrattivi ta' kull awtorità kompetenti u tal-parti tagħha fi ħdan kull distrett tal-baċin tax-xmara.

(v) Sħubija - fejn l-awtorità kompetenti taġixxi bħala korp ta' kordinazzjoni għal awtoritajiet kompetenti oħra, hija meħtieġa lista għal dawn il-korpi flimkien ma' ġabra tar-relazzjonijiet istituzzjonali mwaqqfa sabiex tiżgura kordinazzjoni.

(vi) Relazzjonijiet internazzjonali - fejn distrett tal-baċin tax-xmara jkopri it-territorju ta' aktar minn Stat Membru wieħed jew jinkludi it-territorju ta' Stati mhux-Membri, huwa meħtieġ sommarju tar-relazzjonijiet istituzzjonali imwaqqfa sabiex tiżgura kordinazzjoni.

▼B

*ANNESS II*

1 L-ILMIJIET TAL-WIĊĊ

1.1. **Karatterizzazzjoni ta' tipi ta' korpi ta' l-ilma tal-wiċċ**

L-Istati Membri jridu jidentifikaw il-post u l-fruntieri ta' korpi ta' l-ilma tal-wiċċ u jridu jagħmlu karatterizzazzjoni inizjali ta' dawn it-tipi ta' korpi bi qbil mal-metodoloġija li jmiss. L-Istati Membri jistgħu jgħaqqdu korpi ta' l-ilma tal-wiċċ flimkien għall-iskopijiet ta' din il-karatterizzazzjoni inizjali.

(i) Il-korpi ta' l-ilma tal-wiċċ fi ħdan id-distrett tal-baċin tax-xmara jrid jiġi identifikat li jaqa' fi ħdan kull wieħed mill-kategoriji ta' l-ilma tal-wiċċ li jmiss - xmajjar, lagi, ilmijiet temporanji jew ilmijiet tal-kosta - jew bħala korpi ta' l-ilma tal-wiċċ artifiċjali jew korpi ta' l-ilma tal-wiċċ modifikati ħafna.

(ii) Għal kull kategorija ta' l-ilma tal-wiċċ, il-korpi relevanti ta' l-ilma tal-wiċċ fi ħdan id-distrett tal-baċin tax-xmara jrid ikun iddifferenzjat skond it-tip. Dawn it-tipi huma dawk imsemmija li jużaw jew "sistema A" jew "sistema B", kif identifikati fis-sezzjoni 1.2.

(iii) Jekk sistema A hija użata, il-korpi ta' l-ilma tal-wiċċ fi ħdan id-distrett tal-baċin tax-xmara l-ewwel irid ikun iddifferenzjat mill-ekoreġjuni relevanti bi qbil maż-żoni ġeografiċi identifikati f'sezzjoni 1.2 u li jidhru fuq il-mappa relevanti fl-Anness XI. Il-korpi ta' l-ilma fi ħdan kull ekoreġjun imbagħad irid ikun iddifferenzjat mit-tipi tal-korp ta' l-ilma tal-wiċċ skond id-deskritturi maħruġa fit-tabelli għal sistema A.

(iv) Jekk sistema B hija użata, l-Istati Membri jridu jiksbu ta' l-anqas l-istess grad ta' differenzazzjoni kif tista' tkun miksuba bl-użu tas-sistema A. Skond il-korpi ta' l-ilma tal-wiċċ fi ħdan id-distrett tal-baċin tax-xmara jrid jiġi iddifferenzjat f'tipi bl-użu tal-valuri għad-deskritturi obbligatorji u ċerta deskritturi ta' l-għażla, jew kombinazzjoni ta' deskritturi, kif huma meħtieġa biex jiżguraw li kundizzjonijiet ta' referenza bioloġika speċifiċi ta' tip jista' jkun f'sura ta' minn jorbot fuqu.

(v) Għal korpi artifiċjali jew modifikati ħafna ta' l-ilma tal-wiċċ id-differenzazzjoni trid tiġi marbuta bi qbil mad-deskritturi għal kull ilma tal-wiċċ li jixxiebaħ mal-korp artifiċjali jew modifikat ħafna konċernat.

(vi) Stati Membri jridu jaħgtu lill-Kummissjoni mappa jew mapep (b'format ta' GIS) tal-lokazzjoni ġeografikali tat-tipi konsistenti bil-grad ta' differenzazzjoni meħtieġa taħt sistema A.

1.2. **Ekoreġjuni u tipi ta'l-ilma tal-wiċċ**

1.2.1. Xmajjar

*Sistema A*

| Tipoloġija fissata | Deskritturi |
|---|---|
| Ekoreġjun | Ekoreġjuni li jidhru fuq mappa A fl-Anness XI |
| Tip | Tipoloġija ta' altitudni<br>għoli: > 800 m<br>altitudni-medja: > 200 sa' 800 m<br>medda art baxxa: < 200 m<br><br>Tipoloġija tal-qies bażat fuq żona fejn jinqabat l-ilma tax-xita<br>żgħir: 10 sa' 100 km$^2$ |

▼B

| Tipoloġija fissata | Deskritturi |
|---|---|
| | medju: >100 sa' 1 000 $km^2$<br>kbir: > 1 000 sa' 10 000 $km^2$<br>kbir ħafna: >10 000 $km^2$<br>Ġeoloġija<br>tal-ġir<br>*siliceous*<br>organika |

*Sistema B*

| Karatterizzazzjoni alternattiva | Fatturi fiżiċi u kimiċi li jiddeterminaw il-karatteristiċi tax-xmara jew parti mix-xmara u b'hekk għal kompożizzjoni u struttura ta' popolazzjoni bioloġika |
|---|---|
| Fatturi obbligatorji | altitudni<br>latitudni<br>lonġitudni<br>ġeoloġija<br>qies |
| Fatturi mhux obbligatorji | distanza minn sors ta' xmara<br>enerġija ta' tnixxija (funzjoni ta' tnixxija u tal-pożizzjoni inklinata)<br>wisa' medja ta' l-ilma<br>fond medju ta' l-ilma<br>pożizzjoni inklinata medja ta' l-ilma<br>forma tal-fond prinċipali tax-xmara<br>kategorija tal-ħruġ tax-xmara (tnixxija)<br>forma tal-wied<br>trasport ta' solidi<br>kapaċità ta' newtralizzazzjoni ta' l-aċtu<br>kompożizzjoni medja ta' *substratum* ta' l-ilma<br>kloru<br>grad tat-temperatura ta' l-arja<br>temperatura medja ta' l-arja ta' l-ilma<br>preċipitazzjoni |

1.2.2. Lagi

*Sistema A*

| Tipoloġija fissata | Deskritturi |
|---|---|
| Ekoreġjun | Ekoreġjuni li jidhru fuq mappa A fl-Anness XI |
| Tip | Tipoloġija ta' altitudni<br>għoli: > 800 m<br>altitudni-medja: > 200 sa' 800 m<br>medda art baxxa: < 200 m |

▼B

| Tipoloġija fissata | Deskritturi |
|---|---|
| | Tipoloġija medja tal-qies bażat fuq il-fond ta' l-ilma<br>< 3 m<br>3 sa' 15 m<br>> 15 m<br>Tipoloġija ta' qies bażat fuq iż-żona tal-wiċċ<br>0.5 sa' 1 $km^2$<br>1 sa' 10 $km^2$<br>10 sa' 100 $km^2$<br>> 100 $km^2$<br>Ġeoloġija<br>tal-ġir<br>*siliceous*<br>organika |

*Sistema B*

| Karatterizzazzjoni alternattiva | Fatturi fiżiċi u kimiċi li jiddeterminaw il-karatteristiċi tal-lag u b'hekk il-kompożizzjoni u struttura ta' populazzjoni bioloġika |
|---|---|
| Fatturi obbligatorji | altitudni<br>latitudni<br>lonġitudni<br>fond<br>ġeoloġija<br>qies |
| Fatturi mhux obbligatorji | fond medju ta' l-ilma<br>forma tal-lag<br>ħin tar-residenza<br>temperatura medja l-arja<br>grad tat-temperatura ta' l-arja<br>karatteristiċi tat-taħlit (eż. monomiktiċi, dimiktiċi, polimiktiċi)<br>kapaċità ta' newtralizzazzjoni ta' l-aċtu<br>stat nutrienti tal-isfond<br>kompożizzjoni medja ta' *substratum*<br>varjazzjoni tal-livell |

1.2.3. Ilmijiet temporanji

*Sistema A*

| Tipoloġija fissata | Deskritturi |
|---|---|
| Ekoreġjun | Li ġej kif identifikat fuq mappa B fl-Anness XI:<br>il-baħar baltiku<br>il-baħar ta' Barents<br>il-baħar tan-Norveġja |

▼B

| Tipoloġija fissata | Deskritturi |
|---|---|
| | il-baħar tan-Nord<br>l-Oċean Atlantiku tat-Tramuntana<br>il-baħar Mediterran |
| Tip | Bażat fuq medja ta' salinitá annwali<br>< 0,5 ‰: ilma ħelu<br>0,5 sa < 5 ‰: oligoalin<br>5 sa' < 18 ‰: mesoalin<br>18 sa' < 30 ‰: polialin<br>30 sa' < 40 ‰: eualin<br><br>Bażat fuq l-iskala medja ta'l-għoli ta' l-ilma<br>< 2m ‰: *microtidal*<br>2 sa' 4m ‰: *mesotidal*<br>> 4m: *macrotidal* |

*Sistema B*

| Karatterizzazzjoni alternattiva | Fatturi fiżiċi u kimiċi li jiddeterminaw il-karatteristiċi tal-ilmijiet temporanji u b'hekk il-kompożizzjoni u struttura ta' populazzjoni bioloġika |
|---|---|
| Fatturi obbligatorji | latitudni<br>lonġitudni<br>skala tal-għoli ta' l-ilma<br>salinità |
| Fatturi mhux obbligatorji | fond<br>veloċita tal-kurrent<br>espożizzjoni tal-mewġ/a<br>ħin ta' residenza<br>temperatura medja l-ilma<br>karatteristiċi tat-taħlit<br>stat ta' ilma imqalla'', imħawwad eċċ.<br>kompożizzjoni medja ta' *substratum*<br>forma<br>skala tat-temperatura ta' l-ilma |

1.2.4. Ilmijiet tal-kosta

*Sistema A*

| Tipoloġija fissata | Deskritturi |
|---|---|
| Ekoreġjun | Li ġej kif identifikat fuq mappa B fl-Anness XI:<br>il-baħar baltiku<br>il-baħar ta' Barents<br>il-baħar tan-Norveġja<br>il-baħar tan-Nord<br>l-Oċean Atlantiku tat-Tramuntana |

▼B

| Tipoloġija fissata | Deskritturi |
|---|---|
| | il-baħar Mediterran |
| Tip | Bażat fuq medja ta' salinità annwali<br>< 0,5 ‰: ilma ħelu<br>0,5 sa < 5 ‰: oligoalin<br>5 sa' < 18 ‰: mesoalin<br>18 sa' < 30 ‰: polialin<br>30 sa' < 40 ‰: eualin<br><br>Bażat fuq fond medju<br>ilmijiet baxxiilmijiet baxxi: < 30 m<br>medji: (30 sa' 200 m)<br>fondi: > 200 m |

*Sistema B*

| Karatterizzazzjoni alternattiva | Fatturi fiżiċi u kimiċi li jiddeterminaw il-karatteristiċi tal-ilmijiet tal-kosta u b'hekk il-kompożizzjoni u struttura komunitarja bioloġika |
|---|---|
| Fatturi obbligatorji | latitudni<br>lonġitudni<br>skala tal-għoli ta' l-ilma<br>salinità |
| Fatturi mhux obbligatorji | veloċita tal-kurrenti<br>espożizzjoni tal-mewġ/a<br>temperatura medja l-ilma<br>karatteristiċi tat-taħlit<br>stat ta' ilma imqalla', imħawwad eċċ.<br>ħin ta' ritenzjoni (ta' bajjiet fil-magħluq)<br>kompożizzjoni medja ta' *substratum*<br>skala tat-temperatura ta' l-ilma |

1.3. **Twaqqif ta' kundizzjonijiet ta' referenzi ta' tip speċifiku għal tipi ta' korpi ta' l-ilma tal-wiċċ**

(i) Għal kull tip karatterizzat ta' l-ilma tal-wiċċ skond sezzjoni 1.1, kundizzjonijiet ta' tip-speċifiku idromorfloġiku u fisiko-kimiku jridu jitwaqqfu bir-rappreżentazzjoni tal-valuri tal-elementi ta' kwalità idromorfoloġika u fiżiko-kimika speċifikati f'punt 1.1 fl-Anness V għal dak it-tip ta' korp ta' l-ilma tal-wiċċ fi stat ekoloġiku għoli kif definit fit-tabella relevanti f'punt 1.2 fl-Anness V. Kundizzjonijiet ta' referenza bioloġika ta' tip-speċifiku jridu jitwaqqfu, bir-rappreżentazzjoni tal-valuri tal-elementi ta' kwalità bioloġokali speċifikati f'punt 1.1 fl-Anness V għal dak it-tip ta' korp ta' l-ilma tal-wiċċ fi stat ekoloġu għoli kif definit fit-tabella relevanti f'sezzjoni 1.2 fl-Anness V.

(ii) Fl-applikazzjoni tal-proċeduri maħruġa f'din is-sezzjoni għal korpi ta' l-ilma tal-wiċċ artifiċjali jew modifikati ħafna, referenzi għal stat ekoloġiku għoli, jridu jkunu miftiehma bħala referenzi għal potenzjal massimu ekoloġiku kif definit f'tabella 1.2.5 ta' l-Anness

▼B

V. Il-valuri għal potenzjali massimu ekoloġiku għal korp ta' l-ilma jrid jiġi rivedut kull sitt snin.

(iii) Kundizzjonijiet ta' tip speċifiku għall-iskopijiet ta' punti (i) u (ii) u kundizzjonijiet ta' referenza ta' tip speċifiku bioloġiku jistgħu jkunu jew bażati spazjalment jew bażati fuq mudellar, jew jistgħu ikunu miġjuba bl-użu ta' kombinazzjoni ta' dawn il-metodi. Fejn mhux possibbli li jintużaw dawn il-metodi, l-Istati Membri jistgħu jużaw ġudizzju ta' espert għat-twaqqif ta' dawn il-kundizzjonijiet. Fid-definizzjoni ta' stat ekoloġiku għoli fir-rigward ta' konċentrazzjonijiet ta' kontaminanti sintetiċi speċifiċi, il-limiti ta' kxif huma dawk li jistgħu jiġu miksuba bi qbil mal-metodi disponibbli ta' tekniki disponibbli fil-ħin meta l-kundizzjonijiet ta' tip speċifiku għandhom jitwaqqfu.

(iv) Għal kundizzjonijiet ta' referenza bioloġika ta' tip speċifiku bażati spazjalment, l-Istati Membri jridu jiżviluppaw *networks* ta' referenza għal kull tip ta' korp ta' l-ilma tal-wiċċ. In-*networks* għandu jkollhom numru suffiċjenti ta' siti ta' stat għoli biex jipprovdu livell suffiċjenti ta' kunfidenza fuq il-valuri għall-kundizzjonijiet ta' referenza, b'varjabilità mogħtija fil-valuri tal-elementi ta' kwalità li jikkorrispondu għal stat ekoloġiku għoli għal dak it-tip ta' korp ta' l-ilma tal-wiċċ u l-metodi ta' mudellar ta' teknika li jridu jiġu applikati taħt paragrafu (v).

(v) Il-kundizzjonijiet ta' referenza bioloġika ta' tip speċifiku bażati fuq mudellar jista' jkun miġjub bl-użu ta' mudelli ta' tbassir jew metodi ta' esperjenzi tal-passat. Il-metodi jridu jużaw *data* storiċi, paleoloġiċi u oħra, disponibbli, u jridu jipprovdu livell suffiċenti ta' kunfidenza fuq il-valuri tal-kundizzjonijiet ta' referenza biex jiżguraw li l-kundizzjonijiet miġjuba huma konsistenti u validi għal kull tip ta' korp ta' l-ilma tal-wiċċ.

(vi) Fejn mhux possibbli li jitwaqqfu kundizzjonijiet ta' referenza ta' tip speċifiku li tista' torbot fuqhom għal element ta' kwalità tat-tip ta' korp ta' l-ilma tal-wiċċ minħabba l-gradi għolja ta' varjabilità naturali f'dak l-element, mhux biss bħala riżultat ta' varjazzjonijiet tal-istaġuni, dak l-element ikun jista' jiġi eskluż mill-istima ta' stat ekoloġiku għal dak it-tip ta' ilma tal-wiċċ. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Istati Membri jridu jiddikjaraw ir-raġunijiet għal din l-esklużjoni fil-pjan ta' l-immaniġġjar tal-baċin tax-xmara.

1.4. **Identifikazzjoni ta' Pressi**

L-Istati Membri jridu jiġbru u jżommu informazzjoni fuq it-tip u importanza tal-pressi antropoġeniċi sinifikanti li għalihom il-korpi ta' l-ilma tal-wiċċ f'kull distrett tal-baċin tax-xmara huma responsabbli, jistgħu jkunu soġġetti, partikolarment dan li jmiss.

Stima u identifikazzjnoi ta' tniġġiż ta' sors ta' punt sinifikanti, partikolarment minn sustanzi elenkati fl-Anness VIII, minn stallazzjonijiet u attivitajiet urbani, industrijali, agrikulturali u oħrajn, bażati, *inter alia*, fuq informazzjoni miġbura taħt:

(i) L-Artikoli 15 u 17 tad-Direttiva 91/271/KEE;

(ii) L-Artikoli 9 u 15 tad-Direttiva 96/61/KE [1];

u għall-iskopijiet tal-pjan ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara inizjali:

(iii) L-Artikolu 11 tad-Direttiva 76/464/KEE; u

(iv) Direttivi 75/440/KE, 76/160/KEE [2], 78/659/KEE u 79/923/KEE [3].

---

(1) ĠU L 135, 30.5.1991, p. 40. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 98/15/KE (ĠU L 67, 7.3.1998, p. 29).

(2) ĠU L 31, 5.2.1976, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar permezz ta' l-Att dwar l-Għaqda 1994

(3) ĠU L 281, 10.11.1979, p. 47. Direttiva kif emendata minn Direttiva 91/692/KEE (ĠU L 377, 31.12.1991, p. 48).

▼B

Stima u identifikazzjnoi ta' tniġġiż ta' sors ta' tixrid sinifikanti, partikolarment minn sustanzi elenkati fl-Anness VIII, minn stallazzjonijiet u attivitajiet urbani, industrijali, agrikulturali u oħrajn, bażati, *inter alia*, fuq informazzjoni miġbura taħt:

(i) L-Artikoli 3, 5 u 6 tad-Direttiva 91/676/KEE ([1]);

(ii) L-Artikoli 7 u 17 tad-Direttiva 91/414/KEE;

(iii) Direttiva 98/8/KE;

u għall-iskopijiet tal-ewwel pjan ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara:

(iv) Direttivi 75/440/KEE, 76/160/KEE(76), 76/464/KEE, 78/659/KEE u 79/923/KEE.

Stima u identifikazzjoni ta' estrazzjoni sinifikanti ta' l-ilma għal użu urban, industrijali, agrikulturali u użu ieħor, inklużi varjazzjonijiet tal-istaġuni u talba totali annwali, u telf ta' l-ilma f'sistemi ta' distribuzzjoni ta' l-ilma.

Stima u identifikazzjoni tal-impatt ta' regolazzjoni sinifikanti ta' tnixxija ta' l-ilma, inkluż trasferiment u diversiv, fuq karatteristiċi ta' tnixxija ġenerali u bilanċi ta' l-ilma.

Identifikazzjoni u alterazzjonijiet morfoloġiċi sinifikanti għal korpi ta l-ilma.

Stima u identifikazzjoni ta' impatti oħra antropoġeniċi sinifikanti fuq l-istat ta' l-ilma tal-wiċċ.

Stima ta' tfassil tal-użu fuq l-art, inkluża identifikazzjoni ta' żoni prinċipali urbani, industrijali u agrikulturali u, fejn relevanti, wesgħat tas-sajd u foresti.

1.5. **Stima ta' Impatt**

L-Istati Membri jridu jagħmlu stima ta' suxxettibilità tal-istat tal-korpi ta' l-ilma tal-wiċċ għal pressjonijiet identifikati hawn fuq.

L-Istati Membri jridu jużaw l-informazzjoni miġbura hawn fuq, u kull informazzjoni oħra relevanti inklużi *data* ta' monitoraġġ eżistenti ambjentali, biex issir stima ta' probabbiltà li dawk il-korpi ta' l-ilma tal-wiċċ fi ħdan id-distrett tal-baċin tax-xmara jonqsu li jilħqu l-għanjiet ta' kwalità ambjentali stipulati għall-korpi taħt l-Artikolu4. L-Istati Membri jistgħu jutilizzaw tekniki ta' mudellar biex jassistu f'din l-istima.

Għal dawk il-korpi identifikati bħal li jkunu fir-riskju li jfallu fl-għanjiet ta' kwalità ambjentali, aktar karatterizzazzjoni trid, fejn relevanti, issir biex ittejjeb id-disinn kemm tal-programmi ta' osservazzjoni meħtieġa taħt l-Artikolu 8, u kemm il-programmi ta' miżuri meħtieġa taħt l-Artikolu 11.

2. ILMIJIET TA' TAĦT L-ART

2.1. **Karatterizzazzjoni inizjali**

L-Istati Membri jridu jagħmlu karatterizzazzjoni inizjali tal-korpi kollha ta' l-ilma ta' taħt l-art biex jistmaw l-użu tagħhom u l-grad fejn huma jkunu fir-riskju li jonqsu li jilħqu l-għanijiet għal kull korp ta' l-ilma ta' taħt l-art skond l-Artikolu 4. L-Istati Membri jistgħu jgħaqqdu fi grupp korpi ta' l-ilma tal-qiegħ flimkien ma' l-iskopijiet ta' din il-karatterizzazzjoni inizjali. Din l-analiżi tista' tagħmel użu ta' *data* eżistenti idroloġikali, ġeoloġiċi, pedoloġikali, użu fuq l-art, ħruġ, estrazzjoni u fatti magħrufa *data* oħra imma trid tidentifika:

— il-lokazzjoni u l-fruntieri tal-korp jew korpi ta' l-ilma ta' taħt l-art,

([1]) ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1.

▼B

— il-pressi li għalihom il-korp jew korpi ta' l-ilma ta' taħt l-art huma sottoposti, inklużi:

— sorsi ta' tixrid ta' tniġġiż

— sorsi ta' punt ta' tniġġiż

— estrazzjoni

— *recharge* artifiċjali,

— il-karattru ġenerali tas-saffi żejda ż-żona ta' wesgħa minn fejn il-korp ta' l-ilma ta' taħt l-art jirċievi iċ-*charge* tiegħu,

— dawk il-korpi ta' l-ilma ta' taħt l-art li huma direttament dipendenti għal okusistemi ta' l-ilma tal-wiċċ jew ekosistemi terrestri.

2.2. **Aktar karatterizzazzjoni**

Skond din il-karatterizzazzjoni inizjali, l-Istati Membri jridu jagħmlu aktar karatterizzazzjoni minn dawk il-korpi ta' l-ilma ta' taħt l-art jew mill-gruppi ta' korpi li ġew identifikati bħala li jkunu fir-riskju, sabiex tkun stabbilita stima aktar preċiża tas-sinifikat ta' dan ir-riskju u identifikazzjoni tal-miżuri kollha li jinħtieġu taħt l-Artikolu 11. Għalhekk, din il-karatterizzazzjoni trid tinkludi informazzjoni relevanti fuq l-impatt ta' attività umana u, fejn relevanti, informazzjoni fuq:

— karatteristiċi ġeoloġiċi tal-korp ta' l-ilma ta' taħt l-art inkluż l-estent u t-tip ta' unitajiet ġeoloġiċi,

— karatteristiċi idroġeoloġiċi tal-korp ta' l-ilma ta' taħt l-art inkluża konduttività idrawlika, porożità u għeluq,

— karatteristiċi tad-depożiti superfiċjali u ħamriji fil-wesgħa minn fejn il-korp ta' l-ilma ta' taħt l-art jirċievi iċ-*charge* tiegħu, inkluża l-ħxuna, porożità, konduttività idrawlika, u propjetajiet assorbenti tad-depożiti u ħamriji,

— karatteristiċi ta' stratifikazzjoni ta' l-ilma ta' taħt l-art fi ħdan il-korp ta' l-ilma ta' taħt l-art,

— inventorju ta' sistemi assoċjati tal-wiċċ, inklużi ekosistemi terrestri u korpi ta' l-ilma tal-wiċċ, li magħhom il-korp ta' l-ilma ta' taħt l-art huwa dinamikament magħqud,

— stimi tad-direzzjonijiet u rati ta' skambju ta' l-ilma bejn il-korp ta' l-ilma ta' taħt l-art u sistemi assoċjati tal-wiċċ,

— *data* suffiċenti biex tiġi kalkulata r-rata medja annwali taż-żmien twil ta' *recharge* ġenerali,

— karatterizzazzjoni tal-kompożizzjoni kimika ta' l-ilma ta' taħt l-art, inkluża speċifikazzjoni tal-kontribuzzjonijiet minn attività umana. L-Istati Membri jistgħu jużaw tipoloġiji għal karatterizzazzjoni ta' l-ilma ta' taħt l-art meta jkunu stabbiliti livelli naturali ta' sfond għal dawn il-korpi ta' l-ilma ta' taħt l-art.

2.3. **Reviżjoni tal-impatt ta' l-attività umana fuq ilmijiet ta' taħt l-art**

Għal dawk il-korpi ta' l-ilma ta' taħt l-art li jaqbżu l-fruntiera bejn żewġ jew aktar Stati Membri jew huma identifikati skond il-karatterizzazzjoni inizjali marbuta skond paragrafu 2.1 kif fir-riskju jew nuqqas li jintlaħqu l-għanijiet magħmula għal kull korp taħt l-Artikolu4, l-informazzjoni li jmiss trid, fejn rilevanti, tiġi miġbura u miżmuma għal kull korp ta' l-ilma ta' taħt l-art:

(a) il-lokazzjoni tal-punti fejn il-korp ta' l-ilma ta' taħt l-art użat għall-estrazzjoni ta' l-ilma ma' l-eċċezzjoni ta':

▼B

— punti għall-estrazzjoni ta' ilma li jipprovdi anqas minn medju ta' 10 $m^3$ kuljum, jew,

— punti għall-estrazzjoni ta' ilma maħsub għal konsum uman li jipprovdi anqas minn medju ta' 0 $m^3$ kuljum jew jservi anqas minn 50 persuna,

(b) ir-rati medji annwali għal estrazzjoni minn dawn il-punti,

(ċ) il-kompożizzjoni kimika ta' l-ilma estratt minn korp ta' l-ilma ta' taħt l-art,

(d) il-lokazzjoni ta' punti fil-korp ta' l-ilma ta' taħt l-art li fejn ilma huwa direttament maħruġ,

(e) ir-rati ta' ħruġ f'dawn il-punti,

(f) il-kompożizzjoni kimika ta' ħruġ għall-korp ta' l-ilma ta' taħt l-art, u

(g) użu fuq l-art fil-wesgħa minn fejn il-korp ta' l-ilma ta' taħt l-art jirċievi iċ-*charge* tiegħu, inkluż dħul ta' tniġġiż u alterazzjonijiet antropoġeniċi għall-karatteristiċi ta' *recharge* bħal ilma tax-xita u diversivi ta' tnixxija permezz ta' għeluq ta' l-art, *recharge* artifiċjali, ġiebjar jew drenaġġ.

2.4. **Reviżjoni tal-impatt ta' tbiddil f'livelli ta' l-ilma ta' taħt l-art**

L-Istati Membri jridu wkoll jidentifikaw dawk il-korpi ta' l-ilma ta' taħt l-art li għal għanijiet aktar baxxi jridu jiġu speċifikati taħt l-Artikolu 4 inklużi bħala riżultat ta' konsiderazzjoni tal-effetti tal-istat ta' korp fuq:

(i) ilma tal-wiċċ u ekosistemi terrestri assoċjati

(ii) regolazzjoni ta' l-ilma, protezzjoni minn dulluvji u drenaġġ ta' l-art

(iii) żvilupp uman.

2.5. **Reviżjoni ta' l-impatt ta' tniġġiż fuq kwalità tal-ilmijiet ta' taħt l-art**

L-Istati Membri jridu jidentifikaw dawk il-korpi ta' l-ilma ta' taħt l-art li għal għanijiet baxxi jridu jkunu speċifikati taħt l-Artikolu 4(5) fejn, bħala riżultat ta' l-impatt ta' attività umana, kif determinat skond l-Artikolu 5(1), il-korp ta' l-ilma ta' taħt l-art huwa tant imniġġeż li l-kisba ta' stat tajjeb kimiku ta' l-ilma ta' taħt l-art ma' jistax jitwettaq jew hu disproporzjonalment għoli.

▼B

*ANNESS III*

**ANALIŻI EKONOMIĊI**

L-analiżi ekonomiċi jridu jikkontjenu biż-żejjed informazzjoni f'dettal suffiċenti (b'kunsiderazzjoni tal-ispejjeż assoċjati mal-kollezzjoni tad-*data* relevanti) sabiex:

(a) isiru l-kalkolazzjonijiet relevanti meħtieġa biex jiġu konsidrati taħt l-Artikolu 9 il-prinċipju ta' rkuprar tal-ispejjeż tas-servizzi ta' l-ilma, b'konsiderazzjoni ta' previżjonijiet ta' żmien twil jew forniment u talba għal ilma fid-distrett tal-baċin tax-xmara u, fejn meħtieġ:

— stimi tal-volum, prezzijiet u spejjeż assoċjati mas-servizzi ta' l-ilma, u

— stimi ta' investimenti relevanti inklużi previżjonijiet ta' ċerta investimenti;

(b) isiru ġudizzji fuq l-aktar kombinazzjonijiet ta' miżuri li jiffrankaw il-flus fir-rigward ta' l-użu ta' l-ilma biex jiġu inklużi fil-programm ta' miżuri taħt l-Artikolu 11 bbażat fuq stimi ta' l-ispejjeż potenzjali ta' dawn il-miżuri.

▼B

*ANNESS IV*

**ŻONI PROTETTI**

1. Ir-reġistri ta' żoni protetti meħtieġa taħt l-Artikolu 6 jridu jinkludu t-tipi li jmiss ta' żoni protetti:

   (i) żoni nominati għall-estrazzjoni ta' ilma maħsub għal konsum uman taħt l-Artikolu 7;

   (ii) żoni nominati għall-protezzjoni ta' speċi akkwatiċi sinifikanti ekonomiċi;

   (iii) korpi ta' ilma nominati bħala ilmijiet rikreazzjonali, inklużi żoni nominati bħala ilmijiet għall-għawm taħt Direttiva 76/160/KEE;

   (iv) żoni sensittivi għan-nutrienti, inklużi żoni nominati bħala żoni vulnerabbli taħt id-Direttiva 91/676/KEE u żoni nominati bħala żoni sensittivi taħt id-Direttiva 91/271/KEE; u

   (v) żoni nominati għall-protezzjoni ta' abitanti jew speċi fejn il-manutenzjoni jew titjib tal-istat ta' ilma huwa fattur importanti fil-protezzjoni tagħhom, inklużi s-siti Natura 2000 relevanti nominati taħt id-Direttiva 92/43/KEE ([1]) u d-Direttiva 79/409/KEE ([2]).

2. Is-sommarju tar-reġistru meħtieġ bħala parti mill-pjan ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara trid tinkludi mapep li jindikaw il-lokazzjoni ta' kull żona protetta u deskrizzjoni tal-Komunità, leġislazzjoni internazzjonali jew lokali taħt fejn ġew nominati.

([1]) ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7.Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 97/62/KE (ĠU L 305, 8.11.1997, p. 42).

([2]) ĠU L 103, 25.4.1979, p. 1.Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 97/49/KE (ĠU L 223, 13.8.1997, p. 9).

▼B

*ANNESS V*

1. STAT TA' L-ILMA TAL-WIĊĊ

1.1. **Elementi ta' kwalità għal klassifikazzjoni ta' stat ekoloġiku**

1.1.1. Xmajjar

1.1.2. Lagi

1.1.3. Ilmijiet temporanji

1.1.4. Ilmijiet tal-kosta

1.1.5. Korpi artifiċjali jew modifikati ħafna ta' l-ilma tal-wiċċ

1.2. **Definizzjonijiet normattivi ta' klassifikazzjonijiet ta' stat ekoloġiku**

1.2.1. Definizzjonijiet għal stat ekoloġikament moderat u tajjeb fix-xmajjar

1.2.2. Definizzjonijiet għal stat ekoloġikament moderat għoli u tajjeb f'lagi

1.2.3. Definizzjonijiet għal stat ekoloġikament moderat għoli u tajjeb f'ilmijiet temporanji

1.2.4. Definizzjonijiet għal stat ekoloġikament moderat għoli u tajjeb f'ilmijiet tal-kosta

1.2.5. Definizzjonijiet għal potenzjal massimu, tajjeb u ekoloġikament moderat għal korpi ta' l-ilma modifikati ħafna jew artifiċjali

1.2.6. Proċedura għat-twaqqif ta' *standards* ta' kwalità kimika mill-Istati Membri

1.3. **Monitoraġġ ta' stat ekoloġiku u stat kimiku għall-ilmijiet tal-wiċċ**

1.3.1. Disinn għall-monitoraġġ u sorveljanza

1.3.2. Disinn ta' monitoraġġ operazzjonali

1.3.3. Disinn ta'monitoraġġ ta'investigazzjoni

1.3.4. Frekwenza ta'monitoraġġ

1.3.5. Ħtiġiet ta' monitoraġġ addizzjonali għal żoni protetti

1.3.6. *Standards* għal monitoraġġ ta' elementi ta' kwalità

1.4. **Klassifikazzjoni u preżentazzjoni ta' stat ekoloġiku**

1.4.1. Komparabilita ta' riżultati ta' monitoraġġ bioloġiku

1.4.2. Preżentazzjoni ta' monitoraġġ u klassifikazzjoni ta' stat ekoloġiku u potenzjal ekoloġiku

1.4.3. Preżentazzjoni ta' riżultati ta' monitoraġġ u klassifikazzjoni ta' stat kimiku

2. ILMA TA' TAĦT L-ART

2.1. **Stat kwantitattiv ta' l-ilma ta' taħt l-art**

2.1.1. Parametru għall-klassifikazzjoni ta' stat kwantitattiv

2.1.2. Definizzjoni ta' stat kwantitattiv

2.2. **Monitoraġġ ta' stat kwantitattiv ta' l-ilma ta' taħt l-art**

2.2.1. *Networks* ta' monitoraġġ tal-livell ta' l-ilma ta' taħt l-art

2.2.2. Densità tas-siti ta' monitoraġġ

2.2.3. Frekwenza ta' monitoraġġ

▼B

2.2.4. Interpretazzjoni u preżentazzjoni ta' stat kwantitattiv ta' l-ilma ta' taħt l-art

2.3. **Stat kimiku ta' l-ilma ta' taħt l-art**

2.3.1. Parametri għal determinazzjoni tal-istat kimiku ta' l-ilma ta' taħt l-art

2.3.2. Definizzjoni tal-istat kimiku ta' l-ilma ta' taħt l-art

2.4. **Monitoraġġ ta' stat kimiku ta' l-ilma ta' taħt l-art**

2.4.1. Networks ta' monitoraġġ ta' l-ilma ta' taħt l-art

2.4.2. Monitoraġġ ta' sorveljanza

2.4.3. Monitoraġġ operazzjonali

2.4.4. Identifikazzjoni ta' tendenzi fil-kontaminanti

2.4.5. Interpretażżjoni u preżentazzjoni tal-istat kimiku ta' l-ilma ta' taħt l-art

2.5. **Preżentazzjoni tal-istat ta'l-ilma ta' taħt l-art**

1. STAT TA' L-ILMA TAL-WIĊĊ

1.1. **Elementi ta' kwalità għall-klassifikazzjoni tal-istat ekoloġiku**

1.1.1. Xmajjar

*Elementi bioloġiċi*

Kompożizzjoni u abbundanza ta' flora akkwatika

Kompetizzjoni u abbundanza ta' *benthic invertebrate fauna*

Kompożizzjoni, abbundanza u struttura tal-età tal-*fish fauna*

*Elementi idromorfoloġiċi li jappoġġaw l-elementi bioloġiċi*

Reġim idroloġiċi

kwantità u dinamiċi ta' tnixxija ta' l-ilma

konnessjoni ma' korpi ta' l-ilma ta' taħt l-art

Kontinwità tax-xmara

Kundizzjonijiet morfoloġikali

varjazzjoni ta' wisa' u fond tax-xmara

struttura u substratifikazzjoni tal-fond tax-xmara

struttura ta' żona ta' xtut tax-xmara

*Elementi kimiċi u fiżiko-kimiċi li jappoġġaw l-elementi bioloġiċi*

*Ġenerali*

Kundizzjonijiet termali

Kundizzjonijiet ta' ossiġenazzjoni

Salinità

Stat ta' aċidifikazzjoni

Kundizzjonijiet nutrienti

*Kontaminanti speċifiċi*

Tniġġiż mis-sustanzi prioritarji kollha identifikati kif jiġu ħruġjati fil-korp ta' l-ilma

▼B

Tniġġis minn sustanzi oħra identifikati kif ikunu ħruġjati fi kwantitajiet sinifikanti fil-korp ta' l-ilma

1.1.2. Lagi

*Elementi bioloġiċi*

Kompożizzjoni, abbundanza u biomassa ta' *phytoplankton*

Kompożizzjoni u abbundanza ta' flora akkwatika oħra

Kompetizzjoni u abbundanza ta' *benthic invertebrate fauna*

Kompożizzjoni, abbundanza u struttura tal-età tal-*fish fauna*

*Elementi idromorfoloġiċi li jappoġġaw l-elementi bioloġiċi*

Reġim idroloġiku

kwantità u dinamiċi ta' tnixxija ta' l-ilma

ħin ta' residenza

konnessjoni mal-korpi ta' l-ilma ta' taħt l-art

Kundizzjonijiet morfoloġikali

varjazzjoni tal-fond tal-lag

struttura u sottostratifikazzjoni tal-fond tal-lag

struttura tal-plajja tal-lag

*Elementi kimiċi u fiżiko-kimiċi li jappoġġaw l-elementi bioloġiċi*

*Ġenerali*

Trasparenza

Kundizzjonijiet termali

Kundizzjonijiet ta' ossiġenazzjoni

Salinità

Stat ta' aċidifikazzjoni

Kundizzjonijiet nutrienti

*Kontaminanti speċifiċi*

Tniġġiż mis-sustanzi prioritarji kollha identifikati kif jiġu ħruġjati fil-korp ta' l-ilma

Tniġġis minn sustanzi oħra identifikati kif ikunu ħruġjati fi kwantitajiet sinifikanti fil-korp ta' l-ilma

1.1.3. Ilmijiet temporanji

*Elementi bioloġiċi*

Kompożizzjoni, abbundanza u biomassa ta' *phytoplankton*

Kompożizzjoni u abbundanza ta' flora akkwatika oħra

Kompetizzjoni u abbundanza ta' *benthic invertebrate fauna*

Kompożizzjoni u abbundanza ta' *fish fauna*

*Elementi idro-morfoloġikali li jappoġġaw l-elementi bioloġiċi*

Kundizzjonijiet morfoloġiċi

▼B

varjazzjoni tal-fond

kwantità, struttura u sottostratifikazzjoni tal-fond

struttura taż-żona *intertidal*

Reġim tal-*marea*

tnixxija ta' ilma ħelu

kxif tal-mewġa

*Elementi kimiċi u fiżiko-kimiċi li jappoġġaw l-elementi bioloġiċi*

*Ġenerali*

Trasparenza

Kundizzjonijiet termali

Kundizzjonijiet ta' ossiġenazzjoni

Salinità

Kundizzjonijiet nutrienti

*Kontaminanti speċifiċi*

Tniġġiż mis-sustanzi prioritarji kollha identifikati kif jiġu ħruġjati fil-korp ta' l-ilma

Tniġġis minn sustanzi oħra identifikati kif ikunu ħruġjati fi kwantitajiet sinifikanti fil-korp ta' l-ilma

1.1.4. Ilmijiet tal-kosta

*Elementi bioloġiċi*

Kompożizzjoni, abbundanza u biomassa ta' *phytoplankton*

Kompożizzjoni u abbundanza ta' flora akkwatika oħra

Kompetizzjoni u abbundanza ta' *benthic invertebrate fauna*

*Elementi idromorfoloġiċi li jappoġġaw l-elementi bioloġiċi*

Kundizzjonijiet morfoloġiċi

varjazzjoni tal-fond

struttura u sottostratifikazzjoni tal-fond tal-kosta

struttura taż-żona *intertidal*

Reġim tal-*marea*

direzzjoni ta' kurrenti dominanti

kxif tal-mewġa

*Elementi kimiċi u fiżiko-kimiċi li jappoġġaw l-elementi bioloġiċi*

*Ġenerali*

Trasparenza

Kundizzjonijiet termali

Kundizzjonijiet ta' ossiġenazzjoni

Salinità

▼B

Kundizzjonijiet nutrienti

*Kontaminanti speċifiċi*

Tniġġiż mis-sustanzi prioritarji kollha identifikati kif jiġu mitfugħa fil-korp ta' l-ilma

Tniġġis minn sustanzi oħra identifikati kif ikunu mitfugħa fi kwantitajiet sinifikanti fil-korp ta' l-ilma

1.1.5. Korpi ta' l-ilma tal-wiċċ artifiċjali jew modifikati ħafna

L-elementi ta' kwalità applikabbli għal korpi ta' l-ilma tal-wiċċ artifċjali jew modifikati ħafna jridu jkunu dawk applikabbli għal kwalunke kategorija minn dawk l-erbgħa kategoriji naturali ta' l-ilma tal-wiċċ fuq l-aktar viċin li jixxiebħu mal-korp ta' l-ilma konċernat artifiċjali jew modifikat ħafna.

▼B

1.2. **Definizzjonijiet normattivi ta' klassifikazzjonijiet ta' stat ekoloġiku**

Tabella 1.2. *Definizzjoni ġenerali għal xmajjar, lagi, ilmijiet temporanji u ilmijiet tal-kosta*

| Elememnti | Stat għoli | Stat tajjeb | Stat moderat |
|---|---|---|---|
| Ġenerali | Mhemmx, jew hemm biss ftit alterazzjonijiet antropoġeni, għall-valuri ta' l-elementi ta' kwalità idromorfoloġika u fisiko-kimika tat-tip ta' korp ta' l-ilma tal-wiċċ minn dawk normalment assoċjati ma' dak it-tip taħt kundizzjonijiet mhux disturbati.<br>Il-valuri tal-elementi ta' kwalità bioloġika għal korp ta' l-ilma tal-wiċċ jirriflettu dawk normalment assoċjati ma' dak it-tip taħt kundizzjonijiet mhux disturbati, u li ma' juru l-ebda evidenza jew tfixkil, jew huma minuri.<br>Dawn huma l-komunitajiet u kundizzjonijiet ta' tip-speċifiku. | Il-valuri tal-elementi ta' kwalità bioloġika għat-tip ta' korp ta' l-ilma tal-wiċċ juru livelli baxxi ta' tfixkil li jirriżultaw minn dawk normalment assoċjati mat-tip ta' korp ta' l-ilma tal-wiċċ taħt kundizzjonijiet mhux disturbati. | Il-valuri tal-elementi ta' kwalità bioloġika għat-tip ta' korp ta' l-ilma tal-wiċċ joħorġu moderatament minn dawk normalment assoċjati mat-tip ta' korp ta' l-ilma tal-wiċċ taħt kundizzjonijiet mhux-disturbati. Il-valuri juru sinjali moderati ta' tfixkil li jirrizulta minn attività umana u huma sinifikament aktar disturbati minn taħt kundizzjonijiet ta' stat tajjeb. |

Ilmijiet li jiksbu stat inqas minn moderat iridu jiġu kklassifikati bħala fqar jew ħżiena.

Ilmijiet li juru evidenza ta' alterazzjoni maġġuri għall-valuri ta' elementi ta' kwalità bioloġika għat-tip ta' korp ta' l-ilma tal-wiċċ u fejn il-komunitajiet bioloġiċi relevanti joħorġu sostanzjalment minn dawk assoċjati normalment mat-tip ta' korp ta' l-ilma tal-wiċċ taħt kundizzjonijiet mhux imfixkla, iridu jiġu klassifikati bħala fqar.

Ilmijiet li juru evidenza ta' alterazzjonijiet kbar għall-valuri tal-elementi ta' kwalità bioloġika għat-tip ta' korp ta' l-ilma tal-wiċċ u fejn partijiet kbar tal-Komunitajiet bioloġiċi relevanti normalment assoċjati mat-tip ta' korp ta' l-ilma tal-wiċċ taħt kundizzjonijiet mhux imfixxkla huma nieqsa, iridu jiġu klassifikati bħala ħżiena.

▼B

1.2.1. Definizzjonijiet ta' stat ekoloġiku għoli, tajjeb u moderat fix-xmajar

*Elementi ta' kwalità bioloġika*

| Elementi | Stat għoli | Stat tajjeb | Stat moderat |
|---|---|---|---|
| *Phytoplankton* | Il-Kompożizzjoni *taxonomik* ta' *phytoplankton* tikkorrispondi totalment jew kważi totalment ma' kundizzjonijiet mhux disturbati.<br>L-abbundanza ta' *phytolpankton* medja hija bis-sħiħ konsistenti mal-kundizzjonijiet fisjokimiċi tat-tip speċifiku u mhijiex li sinifikament ta' bdil għal kundizzjonijiet ta' trasparenza fiżikokimiku ta' tip-speċifiku.<br>Blanzuni platoniċi jidhru fi frekwenza u intensità li hija konsistenti mal-kundizzjonijiet fiżiko-kimiċi ta' tip speċifiku. | Hemm bdil ħafif fil-kompożizzjoni u abbundanza tat-*taxa* platonika imqabbla mal-komunitajiet ta' tip speċifiku. Dan il-bdil ma' jindika l-ebda tkabbir ta' alka li tirriżulta minn disturbi mhux mixtieqa għal bilanċ ta' organiżmi preżenti fil-korp ta' l-ilma jew għal kwalità fiżiko-kimika ta' l-ilma jew sediment.<br>Żieda ħafifa fil-frekwenza u intensità tal-blanzuni platoniċità tip-speċifiku tista' sseħħ. | Il-kompożizzjoni ta' *taxa planktonic* titbiddel moderatament mil-komunitajiet ta' tip speċifiku.<br>Abbundanza hija moderatament disturbata u tista' tkun tant li tipproduċi disturbanza mhux mixtieqa sinifikanti fil-valuri jew f'elementi ta' kwalità fiżiko-kimiċiu bioloġiċi oħra.<br>Żieda moderata fil-frekwenza u intensità ta' blanzuni *plaktonic* tista' sseħħ. Blanzuni persistenti jistgħu jseħħu matul ix-xhur tas-sajf. |
| *Macrophytes* u *phytobenthos* | Il-Kompożizzjoni taksonomika jikkorrispondu totalment jew kważi totalment ma' kundizzjonijiet mhux disturbati.<br>Mhemmx dehra ta' bdil ta' l-abbundanza *macropytic* medja u fil-*phytobentic* medja. | Hemm bdil ħafif fil-kompożizzjoni u abbundanza ta' *taxa phytobenthic* u *macrophytic* għall-Komunitajiet ta' tip speċifiku. Dan il-bdil ma' jindika l'ebda tikbir aċċeleratta' *phytobenthos* jew forom aktar għolja ta' ħajja ta' pjanti li tirriżulta f'disturbi mhux mixtieqa għal bilanċ ta' organiżmi preżenti fil-korp ta' l-ilma jew għal kwalità fiżiko-kimika ta' l-ilma jew sediment.<br>Il-Komunità *phytobenthic* mhijiex affetwata kontrarjament minn ħaxix jew koperti batteriċi preżenti minn attività antropoġenika. | Il-kompożizjoni ta' *taxa macrophytic* u *phytobenthic* mill-komunità ta' tip-speċifiku u hija sinifikament aktar imfixkla minn stat tajjeb.<br>Bdil moderat fil-*macrophytic* medju u fl-abbundanza *phytobenthic* medja hija evidenti.<br>Il-komunità *phytobenthic* tista' ma' u, f'ċerta żoni, imwarba minn ħaxix u koperti batteri preżenti bħala riżultat ta' attivitajiet antropoġeniċi. |
| *Benthic invertibrate fauna* | Il-kompożizzjoni *taxonomic* u abbundanza li tikkorrispondi totalment jew kważi totalment mal-kundizzjonijiet mhux disturbati.<br>Ir-ratio ta' *taxa* sensittiva ta' disturbanza ma' turi l'ebda sinjal ta' alterazzjoni minn livelli mhux disturbati. | Hemm bdil ħafif fil-kompożizzjoni u abbundanza ta' *taxa* invertibra minn komunitajiet ta' tip speċifiku.<br>Ir-ratio ta' *taxa ta'* disturbanza-sensittiva juri alterazzjoni ħafifa minn livelli ta' tip speċifiku.<br>Il-livell ta' diversità ta' *taxa* invertibra turi sinjali ħfief ta' alterazzjoni minn livelli speċifiċi. | Il-kompożizzjoni u abbundanza ta' *taxa* invertebrata tinbidelmoderatament mil-komunitajiet tat-tip-speċifiku.<br>Gruppi *taxonomik* maġġuri tal-komunità tat-tipspeċifiku huma nieqsa.<br>Ir-ratio ta' *taxa* sensittivi għat-tfixkil, u l-livel ta' diversità, huma sostanzjalment baxxi mill-livell tat-tip speċifiku u sinifikament baxxi mill-istat tajjeb. |

▼B

| Elementi | Stat għoli | Stat tajjeb | Stat moderat |
|---|---|---|---|
| *Fish Fauna* | Kompożizzjoni u abbundanza tal-ispeċi tikkorrispondi totalment jew kważi totalment ma' kundizzjonijiet mhux disturbati.<br>L-ispeċi ta' disturbanza-sensittiva u ta' tip-speċifiku kollha huma preżenti.<br>L-istrutturi tal-età tal-komunitajiet tal-ħut juru sinjal żgħir ta' disturbanza antropoġenika u mhumiex indikattivi ta' nuqqas fil-produzzjoni jew żvilupp ta' xi speċi partikolari. | Hemm ftit bdil f'kompożizzjoni u abbundanza tal-ispeċi mill-komunitajiet tat-tip-speċifiku li jkun attribwit għal impatti antropoġeniċi fuq elementi ta' kwalità idromorfoloġika u fiżiko-kimika.<br>L-istrutturi ta' l-età tal-komunitajiet tal-ħut juru sinjali ta' disturbanzi attributabbli għal impatti antropoġeniċi fuq elemnti ta' kwalità idromorfoloġika jew fiżiko-kimika, u, fi ftit istanti, huma indikativi minn nuqqas fir-riproduzzjoni u żvilupp ta' speċi partikolari, għall-estent ta' xi wħud mill-klassijiet tal-età jistgħu ikunu neqsin. | Il-kopmpożizzjoni u abbundanza ta' speċi tal-ħut jinbidlu moderatament mill-komunitajiet tat-tip speċifiku attributabbli għal impatti antropoġeniċi fuq elementi ta' kwalità idromofoloġikali jew fiżiko-kimiku.<br>L-istruttura tal-età tal-komunitajiet tal-ħut turi sinjali maġġuri ta' disturbanzi antropoġeniċi, għall-estent li parti moderata tal-ispeċi tat-tip-speċifiku huma nieqsa jew ta' abbundanza vera baxxa. |

*Elementi ta' kwalità idromorfoloġika*

| Element | Stat għoli | Stat tajjeb | Stat moderat |
|---|---|---|---|
Għal monitoraġġ operazzjonali, il-frekwenza ta' monitoraġġ meħtieġa għal kull paramentru trid tkun stabbilita minn Stati Membri sabiex tipprovdi *data* suffiċenti għal stat ta' min joqgħod fuqu tal-element ta' kwalità relevanti. Bħala linja ta' gwida, monitoraġġ irid jitwettaq f'intervalli li ma' jeċedux dawk li jidhru fit-tabella hawn taħt sakemm intervalli akbar ma' jiġux ġustifikati fuq il-bażi ta' taħriġ tekniku u ġudizzju ta' espert.

Frekwenzi jridu jiġu magħżula sabiex jinkiseb livell aċċettabbli ta' kunfidenza u preċiżjoni. Stimi tal-kunfidenza u preċiżjoni milħuqa mis-sistema ta' monitoraġġ użata jridu jiġu ddikjarati fil-pjan ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara.

▼B

Frekwenzi ta' monitoraġġ iridu jiġu magħżula li jieħdu konsiderazzjoni tal-varjabilità fil-parametri li jirriżultaw kemm mill-kundizzjonijiet naturali u wkoll minn dawk antropoġeniċi. Iż-żminijiet ta' meta jitwettaq monitoraġġ iridu jiġu magħżula sabiex jitnaqqas l-impatt ta' varjazzjoni tal-istaġuni fuq ir-riżultati, u b'hekk jiżguraw li r-riżultati jirriflettu bdil fil-korp ta' l-ilma bħala riżultat ta' bdil minħabba pressa antropoġenika. Monitoraġġ addizzjonali matul staġuni differenti tal-istess sena jridu jsiru, fejn meħtieġ, biex jinkiseb dan il-għan.

| Element ta' kwalità | Xmajjar | Lagi | Temporanji | Tal-kosta |
|---|---|---|---|---|
| **Bioloġikali** | | | | |
| Phytoplankton | 6 xhur | 6 xhur | 6 xhur | 6 xhur |
| Flora akkwatika oħra | 3 snin | 3 snin | 3 snin | 3 snin |
| Makro invertibri | 3 snin | 3 snin | 3 snin | 3 snin |
| Ħut | 3 snin | 3 snin | 3 snin | |
| **Idromorfoloġikali** | | | | |
| Kontinwitá | 6 snin | | | |
| Idroloġija | Kontin-wa | xhar 1 | | |
| Morfoloġija | 6 snin | 6 snin | 6 snin | 6 snin |
| **Fiżiko-kimiku** | | | | |
| Kundizzjonijiet termali | 3 xhur | 3 xhur | 3 xhur | 3 xhur |
| Ossiġenazzjoni | 3 xhur | 3 xhu | 3 xhur | 3 xhur |
| Salinitá | 3 xhur | 3 xhur | 3 xhur | |
| Stat nutrienti | 3 xhur | 3 xhur | 3 xhur | 3 xhur |
| Stat ta' aċidifikazzjoni | 3 xhur | 3 xhur | | |
| Kontaminanti oħra | 3 xhur | 3 xhur | 3 xhur | 3 xhur |
| Sustanzi prioritarji | xhar 1 | xhar 1 | xhar 1 | xhar 1 |

1.3.5. Ħtiġiet ta' monitoraġġ addizzjonali għal żoni protetti

Il-programmi ta' monitoraġġ meħtieġa hawn fuq iridu jiġu supplementati sabiex jaderixxi mal-ħtiġiet meħtieġa:

*Punti ta' estrazzjoni ta' l-ilma tax-xorb*

Korpi ta' l-ilma tal-wiċċ nominati fl-Artikolu 7 li jipprovdu aktar minn 100 $m^3$ kuljum bħala medja jridu jiġu nominati mħala bħala siti ta' monitoraġġ u jridu jkunu soġġetti għal ċerta monitoraġġ addizzjonali kif jista' jkun meħtieġ biex jintlaħqu l-ħtiġiet ta' dak l-Artikolu. Dawn il-korpi jridu jkunu monitorjati għal kull sustanza prioritarja mitfugħa u kull sustanzi oħra mitfugħa fi kwantitajiet sinifikanti li jistgħu jaffetwaw l-istat tal-korp ta' l-ilma u li huma

▼B

kontrollati taħt id-disposizzjonijiet tad-Direttiva ta' l-ilma tax-xorb. Monitoraġġ irid isir bi qbil mal-frekwenzi maħruġa hawn taħt:

| Komunità servuta | Frekwenza |
|---|---|
| < 10 000 | 4 kull sena |
| 10 000 sa 30 000 | 8 kull sena |
| > 30 000 | 12 kull sena |

*Żoni ta' protezzjoni ta' abitanti u speċi*

Korp ta' l-ilma li jifforma dawn iż-żoni jrid jiġi inkluż fi ħdan il-programm ta' monitoraġġ operazzjoniali riferut hawn fuq fejn, fuq il-bażi tal-istima tal-impatt u l-monitoraġġ ta' sorveljanza, huma identifikati li jkunu fir-riskju li jonqsu li jilħqu l-għanjiet ambjentali tagħhom taħt l-Artikolu4. Monitoraġġ irid isir biex issir stima tal-importanza u impatt tal-pressi kollha sinifikanti relevanti fuq dawn il-korpi u, fejn meħtieġ, biex jiġu stmati bdil fl-istat ta' dawn il-korpi li jirriżultaw mill-programmi ta' miżuri. Monitoraġġ irid jibqa' sakemm iż-żoni jissodifaw il-ħtiġiet relatati ma' l-ilma tal-leġislazzjoni taħt fejn huma nominati u jilħqu l-għanijiet tagħhom taħt l-Artikolu 4.

1.3.6. Standards għal monitoraġġ ta' elementi ta' kwalità

Metodi użati għal-monitoraġġ ta' parametri ta' tip iridu jaqblu ma' l-istandards internazzjonali elenkati hawn taħt jew ċerta standards nazzjonali jew internazzjonali oħra li jiżguraw id-disposizzjoni ta' data ta' tqabbil u kwalità xjentifika ekwivalenti.

*Kampjunaġġ ta' makroinvertibri*

| | |
|---|---|
| ISO 5667-3:1995 | Kwalità ta' l-ilma - Kampjunaġġ - Parti 3: Gwida fuq il-preservazzjoni u maniġġjar ta' kampjuni |
| EN 27828:1994 | Kwalità ta' l-ilma - Metodi għal kampjunaġġ bioloġiku - Gwida fuq kampjunaġġ bl-id nett ta' benthic makroinvertibri |
| EN 28265:1994 | Kwalità ta' l-ilma - Metodi ta' kampjunaġġ bioloġiku - Gwida fuq id-disinn u użu ta' kampjunaturi kwantitattivi għal benthic makroinvertibri fuq substratifikazzjoni ġebli f'ilmijiet baxxi |
| EN ISO 9391:1995 | Kwalità ta' l-ilma - Kampjunaġġ f'ilmijiet fondi għal makroinvertibri - Gwida fuq l-użu ta' kampjunaturi ta' kolonizzazzjoni, kwalitattività u kwantitattività |
| EN ISO 8689-1:1999 | Klassifikazzjoni bioloġika ta' xmajjar PARTI I: Gwida fuq l-interpretazzjoni ta' *data* ta' kwalità bioloġika minn stħarriġ ta' *benthic* makroinvertibri f'ilmijiet li jnixxu |
| EN ISO 8689-2:1999 | Klassifikazzjoni bioloġika ta' xmajjar PARTI II: Gwida fuq il-preżentazzjoni ta' *data* ta' kwalità bioloġika minn stħarriġ ta' *benthic* makroinvertibri f'ilmijiet li jnixxu |

*Kampjunaġġ macrophyte*

*Standards* CEN / OIS relevanti meta jkunu żviluppati

*Kampjunaġġ tal-ħut*

*Standards* CEN / OIS relevanti meta jkunu żviluppati

*Kampjunaġġ tad-Diatom*

*Standards* CEN / OIS relevanti meta jkunu żviluppati

▼B

*Standards għal parametri fiżiko-kimiċi*

Kull *standard* CEN/OIS relevanti

*Standars għal parametri idromorfoloġiċi*

Kull *standard* CEN/OIS relevanti

1.4. **Klassifikazzjoni u preżentazzjoni ta' stat ekoloġiku**

1.4.1. Komparabilità ta' riżultati ta' monitoraġġ bioloġiku

(i) L-Istati Membri jridu jwaqqfu sistemi ta' monitoraġġ għall-iskop ta' stima tal-valuri tal-elementi ta' kwalità bioloġika speċifikati għal kull kategorija ta' l-ilma tal-wiċċ għal korpi artifiċjali jew modifikati ħafna ta' l-ilma tal-wiċċ. Fl-applikazzjoni tal-proċedura maħruġa hawn taħt għal korp artifiċjali jew modifikati ħafna ta' l-ilma, referenzi għal stat ekoloġiku jrid ikun kostrutt bħala referenza għal potenzjali ekoloġiku. Dawn is-sistemi jistgħu jutilizzaw speċi jew gruppi ta' speċi partikolari li huma rappreżentattivi bis-sħiħ tal-elementi ta' kwalità.

(ii) Sabiex jiżguraw il-komparabilità ta' ċerta sistemi ta' monitoraġġ, ir-riżultati tas-sistemi operati minn kull Stat Membru jridu jkunu espressi bħala *ratios* ta' kwalità ekoloġika għall-iskopijiet ta' klassifikazzjoni ta' stat ekoloġiku. Dawn ir-*ratios* iridu jirrappreżentaw ir-relazzjoni bejn il-valuri tal-parametri bioloġiċi osservati għal korp mogħti ta' l-ilma tal-wiċċ u l-valuri ta' dawn il-parametri fil-kundizzjonijiet ta' referenza applikabbli għal dak il-korp. Ir-*ratio* jrid ikun espress bħala valur numeriku bejn żero u wieħed, bi stat ekoloġiku għoli rappreżentat mill-valuri viċin ta' wieħed u stat ekoloġiku ħażin b'valuri viċin ta' żero.

(iii) Kull Stat Membru jrid jaqsam l-iskala tar-*ratio* ta' kwalità ekoloġika għas-sistema ta' monitoraġġ tiegħu għal kull kategorija ta' l-ilma tal-wiċċ f'ħames klassijiet li jvarjaw minn stat ekoloġiku għoli għal ħażin, kif definit f'Sezzjoni 1.2, bl-għoti ta' valur numeriku għal kull fruntiera bejn il-klassijiet. Il-valur tal-fruntiera bejn il-klassijiet ta' stat għoli u tajjeb, u l-valur tal-fruntiera bejn stat tajjeb u moderat irid jitwaqqaf mill-eżerċizzju ta' interkalibrazzjoni deskritt hawn taħt.

(iv) Il-Kummissjoni trid tiffaċilita dan l-eżerċizju ta' interkalibrazzjoni sabiex ikun żgur li dawn il-fruntieri tal-klassijiet huma mwaqqfa konsistenti mad-defenizzjonijiet konsistenti f'Sezzjoni 1.2 u huma komparabbli bejn l-Istati Membri.

(v) Bħala parti ta' dan l-eżerċizzju l-Kummissjoni trid tiffaċilita skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri li jwassal għall-identifikazzjoni ta' skala ta' siti f'kull ekoreġjun fil-Komunità; dawn is-siti jiffurmaw *networks* ta' interkalibrazzjoni. In-*networks* jridu jikkonsistu minn siti magħżula minn skala ta' tipi ta' korp ta' l-ilma tal-wiċċ preżenti fi ħdan kull ekoreġjun. Għal kull tip ta' korp ta' l-ilma tal-wiċċ magħżul, in-*networks* jridu jikkonsistu ta' l-anqas żewġ siti li jikkorrispondu mal-fruntiera bejn id-defenizzjonijiet normattivi ta' stat għoli u tajjeb, u għall-inqas żewġ siti li jikkorrispondu mal-fruntiera bejn id-defenizzjonijiet normativi ta' stat tajjeb u normativ. Is-siti jridu jkunu magħżula minn ġudizzju ta' espert bażat fuq spezzjonijiet konġunti u kull informazzjoni oħra disponibbli.

(vi) Kull sistema ta' monitoraġġ tal-Istati Membri trid tkun applikata għal dawk is-siti fin-*networks* ta' interkalibrazzjoni li huma kemm fl-ekoreġjun u kif ukoll fit-tip ta' korp ta' l-ilma tal-wiċċ li fejn sistema tiġi applikata skont il-ħtiġiet ta' din id-Direttiva. Ir-riżultati ta' din l-applikazzjoni jridu jintużaw biex isiru l-valuri numeriċi għall-fruntieri relevanti ta' klassi f'kull sistema ta' monitoraġġ tal-Istati Membri.

▼M2

(vii) Il-Kummissjoni għandha tipprepara reġistru ta' abbozz ta' siti sabiex jinħoloq in-netwerk ta' interkalibrazzjoni. Ir-reġistru finali tas-siti għandu jiġi stabbilit skond il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 21(2).

▼B

(viii) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jridu jwettqu l-eżerċizzju ta' interkalibrazzjoni fi żmien 18 il-xahar mid-data ta' minn meta r-reġistru finalizzat huwa pubblikat.

▼M2

(ix) Ir-riżultati ta' l-eżerċizzji ta' interkalibrazzjoni u l-valuri stabbiliti għall-klassifikazzjonijiet tas-sistemi ta' monitoraġġ ta' l-Istati Membri, skond il-punti (i) sa (viii) u imfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi jissupplimentawha, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 21(3) u għandhom jiġu ppubblikati fi żmien sitt xhur minn tmiem l-eżerċizzju ta' interkalibrazzjoni.

▼B

1.4.2. Preżentazzjoni ta' riżultati ta' monitoraġġ u klassifikazzjoni ta' stat ekoloġiku u potenzjal ekoloġiku

(i) Għall-kategpriji ta' l-ilma tal-wiċċ, il-klassifikazzjoni tal-istatus ekoloġiku għall-korp ta' l-ilma għandu jkun rappreżentat bl-anqas mill-valuri għar-riżultati tal-monitoraġġ bioloġikali u fisjo-kimiku għall-elementi ta' kwalità relattivi klassifikati skond l-ewwel kolonna tat-tabella t'hawn taħt. L-Istati Membri għandhom jipprovdu mappa għal kull distrett ta' xmara li juri l-klassifikazzjoni tal-istatus ekoloġiku għal kull korp ta' l-ilma, bil-kodiċi kulurit skond it-tieni kolonna tat-tabella t'hawn taħt sabiex jirrifletti l-klassifikazzjoni tal-istatus ekoloġiku tal-korp ta' l-ilma:

| Klassifikazzjoni ta' stat ekoloġiku | Kodiċi kuluriti |
|---|---|
| Għoli | Blu |
| Tajjeb | Aħdar |
| Moderat | Isfar |
| Fqir | Oranġjo |
| Ħażin | Aħmar |

(ii) Għall-korpi ta' l-ilma artifiċjali u modifikati ħafna, il-klassifikazzjoni ekoloġika potenzjali għall-korp ta' l-ilma, għandu jkun rappreżentat bl-anqas mill-valuri għar-riżultati tal-monitoraġġ bioloġikali u fisjo-kimiku għall-elementi ta' kwalità relattivi klassifikati skond l-ewwel kolonna tat-tabella t'hawn taħt. L-Istati Membri għandhom jipprovdu mappa għal kull distrett ta' xmara li juri l-klassifikazzjoni tal-potenzjal ekoloġiku għal kull korp ta' l-ilma, bil-kodiċi kulurit għall-korpi ta' l-ilma artifiċjali, skond it-tieni kolonna tat-tabella t'hawn taħt, u għall-korpi ta' l-ilma modifikati ħafna skond it-tielet kolonna ta' dik it-tabella.

| Klassifikazzjoni ta' potenzjal ekoloġiku | Kodiċi kulurit | |
|---|---|---|
| | Korpi ta' l-ilma Artifiċjali | Modifikati Ħafna |
| Tajjeb u Aħjar | Strixxi ugwali ħodor u griżi ċari | Strixxi ugwali ħodor u griżi skuri |

▼B

| Klassifikazzjoni ta' potenzjal ekoloġiku | Kodiċi kulurit | |
|---|---|---|
| | Korpi ta' l-ilma Artifiċjali | Modifikati Ħafna |
| Moderat | Strixxi ugwali sofor u griżi ċari | Strixxi ugwali sofor u griżi skuri |
| Fqir | Strixxi ugwali oranġjo u griżi ċari | Strixxi ugwali oranġjo u griżi skuri |
| Ħażin | Strixxi ugwali ħomor u griżi ċari | Strixxi ugwali ħomor u griżi skuri |

(iii) L-Istati Membri jridu wkoll jindikaw, b'tikka sewda fuq il-mappa, dawk il-korpi ta' l-ilma fejn nuqqas ta' ksib ta' stat tajjeb jew potenzjal tajjeb ekoloġiku minħabba in-nuqqas ta' konformità ma' standard jew standards ta' kwalità ambjentali li kienet imwaqqfa għal dak il-korp ta' l-ilma fir-rispett ta' kontaminanti sintetiċi speċifiċi jew kontaminatni mhux-sintetiċi (bi qbil mar-reġim ta' konformità imwaqqaf mill-Istat Membru).

1.4.3. Preżentazzjoni ta' riżultati ta' monitoraġġ u klassifikazzjoni ta' stat kimiku

Fejn korp ta' l-ilma jikseb konformità ma' l-istandards kollha ta' kwalità ambjentali stabbiliti fl-Anness IX, l-Artikolu 16 u taħt leġislazzjoni oħra Komunitarja relevanti li tistabbilixxi standards ta' kwalità ambjentali jrid jiġi reġistrat li jikseb stat kimiku tajjeb. Jekk le, il-korp irid jiġi reġistrat li jonqos milli jikseb stat kimiku tajjeb.

| Klassifikazzjoni ta' stat kimiku | Kodiċi kuluriti |
|---|---|
| Tajjeb | Blu |
| Nieqes li jikseb stat tajjeb | Aħmar |

2. ILMA TA' TAĦT L-ART

2.1. **Stat kwantitattiv ta' l-ilma qiegħ**

2.1.1. Parametru għal klassifikazzjoni ta' stat kwantitattiv

Reġim talivell ta' l-ilma ta' taħt l-art

2.1.2. Definizzjoni ta' stat kwantitattiv

| Elementi | Stat tajjeb |
|---|---|
| Livell ta' l-ilma ta' taħt l-art | Il-livell ta' l-ilma ta' taħt l-art fil-korp ta' l-ilma ta' taħt l-art huwa tant li riżorsi disponibbli ta' l-ilma ta' taħt l-art ma' jaqbżux ir-rata medja annwali ta' żmien twil ta' estrazzjoni.<br>Skond, il-livell ta' l-ilma ta' taħt l-art ma' jkunx soġġett għal alterazzjonijiet antropoġeniċi tant li jirriżulta:<br>— nuqqas ta' ksib tal-għanjiet ambjentali speċifikati taħt l-Artikolu 4 għal ilmijiet tal-wiċċ assoċjati,<br>— kull nuqqas sinifikanti fl-istat ta' ċerta ilmijiet,<br>— kull ħsara sinifikanti f'ekosistemi |

▼B

| Elementi | Stat tajjeb |
|---|---|
| | terrestri li jiddependu direttament fuq il-korp ta' l-ilma ta' taħt l-art,<br>u alterazzjonijiet f'direzzjonijiet ta' tnixxija li jirriżultaw minn bdil tal-livell jistgħu jseħħu temporanjament, jew kontinwament f'żona spazjali limitata, imma ċerta dawrien bil-kontra tad-direzzjoni ma' jikkawżawx ilma mielaħ jew intrużjoni oħra, u ma' jindikax *trend* indotta antropoġenikalment sostnuta u identifikata b'mod ċar fid-direzzjoni tal-fluss li x'aktarx tirriżulta f'dawn l-intrużjonijiet. |

2.2. **Monitoraġġ ta' stat kwantitattiv ta' l-ilma ta' taħt l-art**

2.2.1. *Networks* ta' monitoraġġ tal-livell ta' l-ilma ta' taħt l-art

In-*networks* ta' monitoraġġ ta' l-ilma ta' taħt l-art iridu jkunu stabbiliti skond il-ħtiġiet ta' l-Artikoli 7 u 8. In-*networks* ta' monitoraġġ iridu jkunu disinjati sabiex jipprovdu stima li tista' toqgħod fuqha tal-istat kwantitattiv tal-korpi jew grupp ta' korpi ta' l-ilma ta' taħt l-art inkluża stima tar-riżors disponibbli ta' l-ilma ta' taħt l-art. L-Istati Membri jridu jipprovdu mappa jew mapep li juru n-*networks* ta' monitoraġġ ta' l-ilma ta' taħt l-art fil-pjan ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara.

2.2.2. Densità ta' siti ta' monitoraġġ

In-*networks* jridu jinkludu punti rappreżentattivi suffiċenti ta' monitoraġġ biex jistmaw il-livell ta' l-ilma ta' taħt l-art f'kull korp jew gruppi ta' korpi ta' l-ilma ta' taħt l-art bil-kunsiderazzjoni ta' varjazzjonijiet ta' żmien qasir u ta' żmien twil fir-*recharge* u partikolarment:

— għal korpi ta' l-ilma ta' taħt l-art identifikati li jkunu fir-riskju li jonqsu li jiksbu għanijiet ambjentali taħt l-Artikolu 4, jiżguraw densità suffiċjenti ta' punti ta' monitoraġġ biex jistmaw l-impatt ta' estrazzjoni u ħruġ fuq il-livell ta' l-ilma ta' taħt l-art,

— għal korpi ta' l-ilma ta' taħt l-art ta' fejn ilma ta' taħt l-art inixxi minn ġo fruntiera ta' Stat Membru għal ieħor, ikunu żguri li punti ta' monitoraġġ suffiċenti huma provduti biex jistmaw id-direzzjoni u r-rata tat-tnixxija ta' l-ilma ta' taħt l-art minn ġo fruntiera ta' Stat Membru għal ieħor.

2.2.3. Frekwenza ta' monitoraġġ

Il-frekwenza ta' osservazzjoni trid tkun suffiċenti biex tippermetti stima tal-istat kwantitattiv ta' kull korp jew grupp ta' korpi ta' l-ilma ta' taħt l-art b'kunsiderazzjoni ta' varjazzjonijiet ta' żmien qasir u ta' żmien twil fir-*recharge*. Partikolarment:

— għal korpi ta' l-ilma ta' taħt l-art identifikati li jkunu fir-riskju li jonqsu li jiksbu għanijiet ambjentali taħt l-Artikolu 4, jiżguraw frekwenza suffiċenti ta' miżuri biex jistmaw l-impatt ta' estrazzjoni u ħruġ fuq il-livell ta' l-ilma ta' taħt l-art,

— għal korpi ta' l-ilma ta' taħt l-art ta' fejn ilma ta' taħt l-art inixxi minn ġo fruntiera ta' Stati Membru, ikunu żguri li frekwenza suffiċenti ta' kejl biex tkun stmata d-direzzjoni u rata tat-tnixxija ta' l-ilma ta' taħt l-art minn ġo fruntiera ta' Stat Membru għal ieħor.

2.2.4. Interpretazzjoni u preżentazzjoni ta' stat kwantitattiv ta' l-ilma ta' taħt l-art

Ir-riżultati miksuba min-*networks* ta' monitoraġġ għal korp jew gruppi ta' korpi ta' l-ilma ta' taħt l-art iridu jintużaw biex issir stima tal-istat kwantitattiv ta' dak il-korp jew dawk il-korpi. Soġġett

▼B

għal punt 2.5. L-Istati Membri jridu jipprovdu mappa tal-istima li tirriżulta minn stat kwantitattiv ta' l-ilma ta' taħt l-art, bil-kodiċikulurit bi qbil mar-reġim li jmiss:

Tajjeb: aħdar

Fqir: aħmar

2.3. **Stat kimiku ta' l-ilma ta' taħt l-art**

2.3.1. Parametri għad-determinazzjoni ta' stat kimiku ta' l-ilma ta' taħt l-art

Konduttività

Konċentrazzjonijiet ta' kontaminanti

2.3.2. Definizjoni ta' stat kimiku tajjeb ta' l-ilma ta' taħt l-art

| Elementi | Stat tajjeb |
|---|---|
| Ġenerali | Il-kompożizzjoni kimika tal-korp ta' l-ilma ta' taħt l-art hija tant li l-konċentrazzjonijiet ta' kontaminanti:<br>— kif speċifikati hawn taħt, jesebixxu l-effetti ta' salini jew intrużjonijiet oħra<br>— ma' jeċċedux l-istandards ta' kwalità applikabbli taħt leġislazzjoni Komunitarja oħra relevanti skond l-Artikolu 17<br>— ma' jkunux tant li kapaċi jirriżultaw f'nuqqas ta' ksib tal-għanjiet ambjentali speċifikati taħt l-Artikolu 4 għal ilmijiet tal-wiċċ assoċjati u lanqas tnaqqis sinifikanti tal-kwalità kimika jew ekoloġika ta' dawn il-korpi u lanqas f'kull ħsara sinifikanti għal ekosistemi terrestri li jiddependu direttament fuq korp ta' l-ilma ta' taħt l-art |
| Konduttività | Bdil fil-konduttività ma jkunx indikattiv ta' salinità jew intrużjoni oħra ġol-korp ta' l-ilma ta' taħt l-art |

2.4. **Monitoraġġ ta' stat kimiku ta' l-ilma ta' taħt l-art**

2.4.1. *Networks* ta' monitoraġġ ta' l-ilma ta' taħt l-art

In-*networks* ta' monitoraġġ ta' l-ilma ta' taħt l-art iridu jitwaqqfu bi qbil mal-ħtiġiet ta' l-Artikolu7 u 8. In-*networks* ta' monitoraġġ iridu jkunu disinjati sabiex jipprovdu diskrezzjoni koerenti u komprensiva tal-istat kimiku ta' l-ilma ta' taħt l-art fi ħdan kull baċin tax-xmara u biex jikxfu l-preżenza ta' direzzjonijiet il-fuq antropoġenikali imdaħħla għal żmien twil f'kontaminati.

Fuq il-bażi tal-istima tal-karatterizzazzjoni u tal-impatt magħmula skond l-Artikolu 5 u l-Anness II, l-Istati Membri jridu għal kull perjodu ta' fejn pjan ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara japplika, iwaqqfu programm ta' monitoraġġ ta' sorveljanza. Ir-riżultati ta' dan il-programm iridu jintużaw biex jitwaqqaf programm ta' monitoraġġ operazzjonali biex ikun applikat għall-perjodu li fadal tal-pjan.

Stimi tal-livell ta' kunfidenza u preċiżjoni tar-riżultati provduti mill-programmi ta' monitoraġġ iridu jingħataw fil-pjan.

▼B

2.4.2. Monitoraġġ ta' sorveljanza

*Għan*

Monitoraġġ ta' sorveljanza jrid isir sabiex:

— iforni u jivvalida l-proċedura ta' stima tal-impatt,

— jipprovdi informazzjoni għal użu fl-istima ta' direzzjonijiet ta' żmien twil kemm bħala riżultat ta' bdil f'kundizzjonijiet naturali u kif ukoll minn ġo attività antropoġenika.

*Selezzjoni ta' siti ta' monitoraġġ*

Siti ta' monitoraġġ suffiċjenti jridu jintagħżlu għal kull wieħed minn dawn li ġej:

— korpi identifikati li jkunu fir-riskju skond l-eżerċizzju ta' karatterizzazzjoni marbut skond l-Anness II,

— korpi li jaqbżu l-fruntiera ta' Stat Membru.

*Selezzjoni ta' parametri*

Is-set li ġej ta' parametri attivi jrid jiġi monitorat fil-korpi magħżula kollha ta' l-ilma ta' taħt l-art:

— kontenut ta' ossiġenu

— valur pH

— konduttività

— nitrat

— ammonju

Korpi li huma identifikati li jkunu f'riskju sinifikanti li jonqsu li jiksbu stat tajjeb skond l-Anness II jistgħu wkoll jiġu monitorati għal dawk il-parametri li huma indikattivi tal-impatt ta' dawn il-pressi.

Korpi ta' l-ilma tal-fruntiera jridu wkoll ikunu mmonitorjati għal dawk il-parametri li huma relevanti għall-protezzjoni ta' kull użu appoġġat mit-tnixxija ta' l-ilma ta' taħt l-art.

2.4.3. Monitoraġġ operazzjonali

*Għan*

Monitoraġġ operazzjonali jrid ikun marbut fil-perjodi bejn programmi ta' monitoraġġ ta' sorveljanza sabiex:

— jitwaqqaf stat kimiku ta' kull korp jew grupp ta' korpi ta' l-ilma ta' taħt l-art determinat li jkun fir-riskju,

— titwaqqaf il-preżenza ta' direzzjoni 'l fuq antropoġenika imdaħħla għal żmien twil fil-konċentrazzjoni ta' kull kontaminant.

*Selezzjoni ta' siti ta' monitoraġġ*

Monitoraġġ operazzjonali jird isir għal dawk il-korpi jew gruppi ta' korpi ta' l-ilma ta' taħt l-art fejn fuq il-bażi tal-istima kemm tal-istima tal-impatt magħmula skond l-Anness II u kemm fuq il-bażi ta' monitoraġġ ta' sorveljanza huma identifikati li jkunu f'riskju li jonqsu li jilħqu l-għanijiet ambjentali taħt l-Artikolu 4. Is-selezzjoni ta' siti ta' monitoraġġ trid ukoll tirrifletti stima ta' kif *data* rappreżentattiva ta' monitoraġġ minn dak is-sit tal-korp jew korpi relevanti ta' l-ilma ta' taħt l-art.

▼B

*Frekwenza ta' monitoraġġ*

Monitoraġġ operazzjonali jrid iseħħ għall-perjodi bejn programmi ta' monitoraġġ ta' sorveljanza fi frekwenza suffiċjenti biex jikxef l-impatti ta' pressi relevanti imma f'minimu ta' darba fis-sena.

2.4.4. Identifikazzjoni ta' tendenzi f'kontaminanti

L-Istati Membri jridu jużaw *data* kemm minn monitoraġġ ta' sorveljanza u kemm operazzjonali fl-identifikazzjoni ta' *trends* 'il fuq antropoġeniċi imdaħħla għal żmien twil f'konċentrazzjonijiet ta' kontaminanti u d-dawrien bil-kontra ta' dawn id-direzzjonijiet. Is-sena ta' bażi jew perjodu minn fejn identifikazzjoni ta' direzzjoni għandha tiġi kalkolata jridu jiġu identifikati. Il-kalkolazzjoni ta' direzzjonijiet trid tiġi marbuta għal korp jew, fejn xieraq, grupp ta' korpi ta' l-ilma ta' taħt l-art. Dawrien bil-kontra ta' direzzjoni trid tiġi murija statistikament u l-livell ta' kunfidenza assoċjata ma' l-identifikazzjoni imniżżla.

2.4.5. Interpretazzjoni u preżentazzjoni ta' stat kimiku ta' l-ilma ta' taħt l-art

Fl-istima tal-istat, ir-riżultati ta' punti individwali ta' monitoraġġ fi ħdan korp ta' l-ilma ta' taħt l-art iridu jiġu miġbura għall-korp b'mod sħiħ. Mingħajr preġudizzju għad-Direttivi konċernati, għal stat tajjeb biex jiġi miksub għal korp ta' l-ilma, għal dawk il-parametri kimiċi li għalihom *standards* ta' kwalità ġew stabbiliti fil-leġiżlazjoni Komunitarja:

— il-valur medju tar-riżultati ta' monitoraġġ f'kull punt fil-korp jew gruppi ta' korpi ta' l-ilma ta' taħt l-art jiġu kalkolati, u

— skond l-Artikolu 17 dawn il-valuri medji jridu jintużaw biex juru konformità ma' stat tajjeb ta' l-ilma ta' taħt l-art.

Suġġett għal punt 2.5, l-Istati Membri jridu jipprovdu mappa tal-istat kimiku ta' l-ilma ta' taħt l-art, bil-kodiċi-kulurit kif indikat hawn taħt:

Tajjeb: aħdar

Fqir: aħmar

L-Istati Membri jridu wkoll jindikaw b'tikka sewda fuq il-mappa, dawk il-korpi ta' l-ilma ta' taħt l-art li huma soġġetti għal *trend* l-fuq sinifikanti u sostnuta fil-konċentrazzjonijiet ta' kull kontaminant li jirriżulta mill-impatt ta' attività umana. Dawrien bil-kontra ta' direzzjoniji trid tiġi indikata b'tikka blu fuq il-mappa.

Dawn il-mapep iridu jiġu inklużi fil-pjan ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara.

2.5. **Preżentazzjoni ta' Stat ta' l-ilma ta' taħt l-art**

L-Istati Membri jridu jipprovdu fil-pjan ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara mappa li turi għal kull korp jew gruppi ta' korpi ta' l-ilma ta' taħt l-art l-istat kwantitattiv u l-istat kimiku ta' dak il-korp jew gruppi ta' korpi, bil-kodiċi-kulurit bi qbil mal-ħtiġiet ta' punti 2.2.4 u 2.4.5. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li ma' jipprovdux mapep separati taħt punti 2.2.4 u 2.4.5 imma f'dak il-każ ukoll iridu jipprovdu indikazzjoni bi qbil mal-ħtiġiet ta' punt 2.4.5 fuq il-mappa meħtieġa taħt dan il-punt, ta' dawk il-korpi li huma soġġetti għal *trend* il-fuq sinifikanti u sostnuta fil-konċentrazzjoni ta' kull kontaminant jew kull dawrien bil-kontra f'din id-direzzjoni.

▼B

*ANNESS VI*

**LISTI TA' MIŻURI LI TRID TIĠI INKLUŻA FI ĦDAN IL-PROGRAMMI TA' MIŻURI**

PARTI A

Miżuri meħtieġa taħt id-Direttivi li jmiss:

(i) Id-Direttiva (76/160/KEE) dwar l-ilma tal-Għawm;

(ii) Id-Direttiva (79/409/KEE) ([1]) dwar l-Għasafar;

(iii) Id-Direttiva (80/778/KEE) dwar l-ilma tax-xorb kif emendat mid-Direttiva (98/83/KE);

(iv) Id-Direttiva (96/82/KE) ([2]) dwar l-Inċidenti Maġġuri (Seveso);

(v) Id-Direttiva (85/337/KEE) ([3]) dwar l-Istima tal-Impatt Ambjentali;

(vi) Id-Direttiva (86/278/KEE) ([4]) dwar il-Ħama tad-Drenaġġ;

(vii) Id-Direttiva (91/271/KEE) dwar it-Trattament ta' Skart ta' l-Ilma Urban;

(viii) Id-Direttiva (91/414/KEE) dwar il-Prodotti ta' Protezzjoni tal-Pjanti;

(ix) Id-Direttiva (91/676/KEE) dwar in-Nitrati;

(x) Id-Direttiva (92/43/KEE) ([5]) dwar l-Habitat;

(x) Id-Direttiva (96/61/KE) dwar il-Kontroll Integrat ta' Prevenzjoni ta' Tniġġiż.

PARTI B

Din li ġejja hija lista mhux esklusiva ta' miżuri supplimentari fejn l-Istati Membri fi ħdan kull distrett tal-baċin tax-xmara jistgħu jagħżlu biex jadottaw bħala parti mil-programm ta' miżuri meħtieġa taħt l-Artikolu11(4):

(i) strumenti leġiżlattivi

(ii) strumenti amministrattivi

(iii) strumenti ekonomiċi jew fiskali

(iv) ftehim ambjentali negozjat

(v) kontrolli ta' emmissjoni

(vi) kodiċi ta' prattika tajba

(vii) rikreazzjoni u restawr ta' żoni ta' artijiet niedja

(viii) kontrolli ta' estrazzjoni

(ix) miżuri ta' mmaniġġjar ta' domanda, inter alia, promozzjoni ta' produzzjoni agrikulturali adottata bħal uċuħ tar-raba li għandhom bżonn ilma baxx f'żoni effetwati min-nuqqas ta' xita

(x) miżuri ta' effiċenza u użu mil-ġdid, inter alia, promozzjoni ta' teknoloġiji ta' effiċenza ta' l-ilma u tekniki ta' irrigazzjoni li jiffrankaw l-ilma

([1]) ĠU L 103, 25.4.1979, p. 1.
([2]) ĠU L 10, 14.1.1997, p. 13.
([3]) ĠU L 175, 5.7.1985, p. 40. Direttiva kif emendat mid-Direttiva 97/11/KE (ĠU L 73, 14.3.1997, p. 5).
([4]) ĠU L 181, 8.7.1986, p. 6.
([5]) ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7.

▼B

(xi) proġetti ta' kostruzzjoni

(xii) impjanti li jneħħu s-salinità

(xiii) proġetti ta' rijabilitazzjoni

(xiv) recharge artifiċjali ta' aquifers

(xv) proġetti edukattivi

(xvi) proġetti ta' riċerka, żvilupp u dimostrazzjoni

(xvii) miżuri oħra relevanti

▼B

*ANNESS VII*

**PJANIJIET TA' L-IMMANIĠĠJAR TAL-BAĊIN TAX-XMARA**

A. Pjanijiet ta' l-immaniġġjar tal-baċin tax-xmara jridu jkopru l-elementi li jmiss:

1. deskrizzjoni ġenerali tal-karatteristiċi tad-distrett tal-baċin tax-xmara meħtieġ skond l-Artikolu 5 u l-Anness II. Din trid tinkludi:

1.1. għal ilmijiet tal-wiċċ:

— pjan tal-post u fruntieri ta' korpi ta' l-ilma,

— pjan tal-ekoreġjuni u tipi ta' korp ta' l-ilma tal-wiċċ fi ħdan il-baċin tax-xmara,

— identifiakzzjoni ta' kondizzjonijiet ta' referenza għat-tipi ta' korpi ta' l-ilma tal-wiċċ

1.2. għal ilmijiet ta' taħt l-art:

— pjan tal-post u fruntieri ta' korpi ta' l-ilma ta' taħt l-art,

2. ġabra ta' pressi sinifikanti u impatt ta' attività umana fuq l-istat ta' l-ilma tal-wiċċ u ilma ta' taħt l-art, li jinkludu:

— stima ta' tniġġiż ta' sors ta' punt,

— stima ta' sors ta' tixrid ta' tniġġiż, inkluża ġabra ta' użu fuq l-art,

— stima ta' pressi fuq l-istat kwantitattiv ta' l-ilma inklużi estrazzjonijiet,

— analiżi ta' impatti oħra ta' attività umana fuq l-istat ta' l-ilma;

3. identifikazzjoni ta' pjan ta' żoni protetti kif meħtieġ mill-Artikolu 6 u l-Anness IV;

4. mappa tan-networks ta' monitoraġġ imwaqqaf għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 8 u l-Anness V, u preżentazzjoni f'forma ta' mappa tar-riżultati ta' programmi ta' monitoraġġ magħmula taħt dawk id-disposizzjonijiet għall-istat ta':

4.1. l-ilma tal-wiċċ (ekoloġiku jew kimiku);

4.2. l-ilma ta' taħt l-art (kimiku u kantitattiv);

4.3. żoni protetti;

5. lista ta' l-għanijiet ambjentali imwaqqfa taħt l-Artikolu 4 għal ilmijiet tal-wiċċ, ilmijiet ta' taħt l-art u żoni protetti, inkluża partikolarment identifikazzjoni ta' istanzi fejn sar użu ta' l-Artikolu 4(4), (5), (6) u (7), u l-informazzjoni assoċjata meħtieġa taħt dak l-Artikolu;

6. sommarju ta' l-analiżi ekonomiċi ta' użu ta' l-ilma kif meħtieġ mill-Artikolu 5 u l-Anness III;

7. sommarju tal-programm jew programmi ta' miżuri adottati taħt l-Artikolu 11, inklużi l-modi fejn l-għanijiet imwaqqfa taħt l-Artikolu 4 huma b'hekk akkwistati;

7.1. sommarju tal-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' leġislazzjoni Komunitarja għall-protezzjoni ta' l-ilma;

7.2. rapport fuq il-passi prattiċi u miżuri meħuda għall-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rkuprar tal-ispejjeż ta' użu ta' l-ilma skond l-Artikolu 9;

▼B

7.3. sommarju tal-miżuri meħuda biex jinkisbu l-ħtiġiet ta' l-Artikolu7;

7.4. sommarju tal-kontrolli fuq estrazzjoni u sekwestru ta' l-ilma, inkluża referenza għar-reġistri u identifikazzjonijiet tal-każi fejn eżenzjonijiet saru taħt l-Artikolu 11(3)(e);

7.5. sommarju tal-kontrolli adottati għal sors ta' punt ta' ħruġ u attivitajiet oħra b'impatt fuq l-istat ta' l-ilma bi qbil mad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 11(3)(g) u 11(3)(i);

7.6. identifikazzjoni tal-każi fejn ħruġ diretti għal ilma ta' taħt l-art ġew awtorizzati bi qbil mad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu11(3)(j);

7.7. sommarju tal-miżuri meħuda skond l-Artikolu 16 fuq sustanzi prioritarji;

7.8. sommarju tal-miżuri meħuda għal prevenzjoni jew tnaqqis tal-impatt ta' inċidenti ta' tniġġiż aċċidentali;

7.9. sommarju tal-miżuri meħuda taħt l-Artikolu 11(5) għal korpi ta' l-ilma li x'aktarx ma' jiksbux l-għanijiet stabbiliti taħt l-Artikolu 4;

7.10. dettalji tal-miżuri supplimentari identifikati kif meħtieġ sabiex jintlaħqu l-għanijiet ambjentali stabbiliti;

7.11. dettalji tal-miżuri meħuda biex tiġi evitata żieda tat-tniġġiż ta' ilmijiet marittimi skond l-Artikolu 11(6);

8. reġistru tal-programmi kollha żejda dettaljati u pjanijiet ta' mmaniġġjar għad-distrett tal-baċin tax-xmara li għandu x'jaqsam ma' sub-baċini, setturi, ħruġ u tipi ta' ilma partikolari, flimkien ma' sommarju tal-kontenut tagħhom;

9. sommarju tal-informazzjoni pubblika u miżuri ta' konsultazzjoni meħuda, ir-riżultati tagħhom u l-bdil fil-pjan magħmula bħala konsegwenzi;

10. lista ta' awtoritajiet kompetenti skond l-Anness I;

11. il-punti ta' kuntatt u proċeduri għal ksib ta' informazzjoni u dokumentazzjoni tal-isfond riferuti fl-Artikolu 14(1), u partikolarment dettalji tal-miżuri ta' kontroll adottati skond l-Artikolu 11(3)(g) u 11(3)(i) u tad-data monitorjati attwalment miġbura skond l-Artikolu 8 u l-Anness V.

B. L-ewwel aġġornament tal-pjan ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara u kull aġġornament sussegwenti għandhom ukoll jinkludu:

1. sommarju ta' kull bdil jew aġġornament minn meta l-pubblikazzjoni tal-verżjoni ta' qabel tal-pjan ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara, inkluż sommarju ta' reviżjonijiet li jridu jsiru taħt l-Artikolu 4(4), (5), (6) u (7);

2. stima tal-progress li sar favur il-kisba ta' l-għanijiet ambjentali, inkluża preżentazzjoni tar-riżultati tal-monitoraġġ għall-perjodu tal-pjan ta' qabel f'forma ta' mappa, u spjegazzjoni għall-għanijiet ambjentali li ma' ġewx milħuqa;

3. sommarju ta', u spjegazzjoni għal, kull miżura mbassra fil-verżjoni ta' qabel tal-pjan ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara li ma' ġietx mwettqa;

4. sommarju ta' miżuri interim addizzjonali adottati taħt l-Artikolu 11(5) minn meta l-pubblikazzjoni tal-verżjoni ta' qabel tal-pjan ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara.

▼B

*ANNESS VIII*

**LISTA INDIKATTIVA TAL-KONTAMINANTI PRINĊIPALI**

1. Sustanzi u taħlit *organohalogen* li jistgħu jiffurmaw dan it-taħlit fl-ambjent akkwatiku.

2. Taħlit *organophosphorous*.

3. Taħlit *organotin*.

4. Sustanzi u preparazzjonijiet, jew il-prodotti ta' tqassim ta' tip, li ġew pruvati li fihom propjetajiet karċinoġeniċi jew mutaġeniċi jew propjetajiet li jistgħu jaffetwaw riproduzzjoni *steroidogenic*, *thyroid* jew funzjonijiet oħra relatati ma' *endocrine* ġo, jew via l-ambjent akkwatiku.

5. Idrokarboni persistenti u sustanzi organiċi tossiċi bioakkumulattivi u persistenti.

6. *Cyanides*.

7. Metalli u t-taħlit tagħhom.

8. Arseniku u t-taħlit tiegħu.

9. Bioċidi u prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti.

10. Materjali f'sospensjoni.

11. Sustanzi li jikkontribwixxu għal ewtrofikazzjoni (partikolarment, nitrati u fosfati).

12. Sustanzi li għandhom influenza mhux favorevoli fuq il-bilanċ tal-ossiġenu (u jistgħu jitkejjlu bl-użu ta' parametri bħal BOD, COD, eċċ.).

▼B

*ANNESS IX*

**VALURI LIMITI TA' EMMISSJONIJIET U STANDARDS TA' KWALITÀ AMBJENTALI**

Il-"valuri limiti" u "għanijiet ta' kwalità" imwaqqfa taħt ir-re Direttivi ta' Direttiva 76/464/KEE jridu jiġu konsidrati bħala l-valuri limiti tal-emmissjonijiet u l-istandards ta' kwalità ambjentali, rispettivament, għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva. Huma imwaqqfa fid-Direttivi li jmiss:

(i) Id-Direttiva (82/176/KEE) (1) dwar id-Ħruġ ta' Merkurju;

(ii) Id-Direttiva (83/513/KEE) (2) dwar id-Ħruġ ta' Kadmju;

(iii) Id-Direttiva (84/156/KEE) (3) dwar il-Merkurju;

(iv) Id-Direttiva (84/491/KEE) (4) dwar id-Ħruġ tal-Hexachlorocyclohexane; u

(v) Id-Direttiva (86/280/KEE) (5) dwar id-Ħruġ ta' Sustanza Perikoluża;

(1) ĠU L 81, 27.3.1982, p. 29.
(2) ĠU L 291, 24.10.1983, p. 1.
(3) ĠU L 74, 17.3.1984, p. 49.
(4) ĠU L 274, 17.10.1984, p. 11.
(5) ĠU L 181, 4.7.1986, p. 16.

▼M3

*ANNESS X*

**LISTA TA' SUSTANZI PRIJORITARJI FIL-QASAM TAL-POLITIKA TAL-ILMA**

| Numru | Numru CAS (1) | Numru EU (2) | Isem tas-sustanza prijoritarja (3) | Identifikat bħala sustanza perikoluża prijoritarja |
|---|---|---|---|---|
| (1) | 15972-60-8 | 240-110-8 | Alaklor | |
| (2) | 120-12-7 | 204-371-1 | Antraċen | X |
| (3) | 1912-24-9 | 217-617-8 | Atrażin | |
| (4) | 71-43-2 | 200-753-7 | Benżin | |
| (5) | mhux applikabbli | mhux applikabbli | Difeniletere brominat (4) | X (5) |
| | 32534-81-9 | mhux applikabbli | Pentabromodifeniletere (numri tal-istess klassi 28, 47, 99, 100, 153 u 154) | |
| (6) | 7440-43-9 | 231-152-8 | Kadmju u l-komposti tiegħu | X |
| (7) | 85535-84-8 | 287-476-5 | Kloroalkani, $C_{10-13}$ (4) | X |
| (8) | 470-90-6 | 207-432-0 | Klorfenvinfos | |
| (9) | 2921-88-2 | 220-864-4 | Klorpirifos (Klorpirifos-etil) | |
| (10) | 107-06-2 | 203-458-1 | 1,2-dikloroetan | |
| (11) | 75-09-2 | 200-838-9 | Diklorometan | |
| (12) | 117-81-7 | 204-211-0 | Di(2-etileksil)ftalat (DEHP) | |
| (13) | 330-54-1 | 206-354-4 | Diuron | |
| (14) | 115-29-7 | 204-079-4 | Endosulfan | X |
| (15) | 206-44-0 | 205-912-4 | Fluworanten (6) | |
| (16) | 118-74-1 | 204-273-9 | Eksaklorobenżin | X |
| (17) | 87-68-3 | 201-765-5 | Eksaklorobutadien | X |
| (18) | 608-73-1 | 210-158-9 | Eksakloroċikloħexan | X |
| (19) | 34123-59-6 | 251-835-4 | Isoproturon | |
| (20) | 7439-92-1 | 231-100-4 | Ċomb u l-komposti tiegħu | |
| (21) | 7439-97-6 | 231-106-7 | Merkurju u l-komposti tiegħu | X |
| (22) | 91-20-3 | 202-049-5 | Naftalen | |
| (23) | 7440-02-0 | 231-111-14 | Nikil u l-komposti tiegħu | |
| (24) | 25154-52-3 | 246-672-0 | Nonilfenol | X |
| | 104-40-5 | 203-199-4 | (4-(para)nonilfenol) | X |
| (25) | 1806-26-4 | 217-302-5 | Oktilfenol | |
| | 140-66-9 | mhux applikabbli | (4-(1,1',3,3'-tetrametilbutil)-fenol) | |

▼M3

| Numru | Numru CAS ([1]) | Numru EU ([2]) | Isem tas-sustanza prijoritarja ([3]) | Identifikat bħala sustanza perikoluża prijoritarja |
|---|---|---|---|---|
| (26) | 608-93-5 | 210-172-5 | Pentaklorobenżin | X |
| (27) | 87-86-5 | 231-152-8 | Pentaklorofenol | |
| (28) | mhux applikabbli | mhux applikabbli | Idrokarburi poliaromatiċi | X |
| | 50-32-8 | 200-028-5 | (Benzo(a)piren) | X |
| | 205-99-2 | 205-911-9 | (Benzo(b)fluworanten) | X |
| | 191-24-2 | 205-883-8 | (Benzo(g,h,i)perilen) | X |
| | 207-08-9 | 205-916-6 | (Benzo(k)fluworanten) | X |
| | 193-39-5 | 205-893-2 | (Indeno(1,2,3-cd)piren) | X |
| (29) | 122-34-9 | 204-535-2 | Simażin | |
| (30) | mhux applikabbli | mhux applikabbli | Komposti ta' Tributiltin | X |
| | 36643-28-4 | mhux applikabbli | Katjonu ta' Tributiltin | X |
| (31) | 12002-48-1 | 234-413-4 | Triklorobenżini | |
| (32) | 67-66-3 | 200-663-8 | Triklorometan (kloroform) | |
| (33) | 1582-09-8 | 216-428-8 | Trifluralin | |

([1]) CAS: Chemical Abstracts Service.
([2]) Numru-EU: L-Inventarju Ewropew ta' Sustanzi Kummerċjali Eżistenti (EINECS) jew il-Lista Ewropea ta' Sustanzi Kimiċi Notifikati (ELINCS).
([3]) Fejn ikunu ntgħażlu gruppi ta' sustanzi, qed jiġu elenkati rappreżentattivi individwali tipiċi bħala parametri indikattivi (fil-parentesi u mingħajr numru). Għal dawn il-gruppi ta' sustanzi, il-parametru indikattiv għandu jiġi definit permezz tal-metodu analitiku.
([4]) Dawn il-gruppi ta' sustanzi normalment jinkludu numru konsiderevoli ta' taħlit individwali. Attwalment, ma jistgħux jingħataw parametri indikattivi xierqa.
([5]) Pentabromodifeniletere biss (numru CAS 32534-81-9).
([6]) Il-fluworanten jinsab fil-lista bħala indikatur ta' idrokarboni poliaromatiċi oħra li huma aktar perikolużi.

▼B

*ANNESS XI*

**MAPPA A**

**Sistema A: Ekoreġjuni għal xmajjar u lagi**




1. Ir-reġjun *Iberic-Macaronesian*
2. Il-Pirenej
3. l-Italja, Korsika u Malta
4. L-Alpi
5. Il-Balkani Dinaric tal-punent
6. Il-Bakani Elleniċi tal-Punent
7. Il-Balkan tal-Lvant
8. L-artijiet għolja tal-Punent
9. L-Artijiet-għolja Ċentrali
10. Il-Karpatjani
11. L-artijiet il-baxxi tal-Ungerija
12. Il-Provinċja Pontik
13. Il-Pjanuri tal-Punent
14. Il-Pjanuri Ċentrali
15. Il-provinċja Baltika
16. Il-pjanuri tal-Lvant

▼**B**

17. l-Irlanda u l-Irlanda ta’ Fuq

18. Il-Gran Brittanja

19. L-Islanda

20. L-artijiet l-għolja ta’ Borealik

21. Tundra

22. *Fenno-Scandian shield*

23. Taiga

24. Il-Kawkasus

25. Dipressjoni Kaspika

▼B

## MAPPA B

**Sistema A: Ekoreġjuni għal ilmijiet temporanji u ilmijiet tal-kosta**




1. Oċean Atlantiku
2. Baħar Norveġiż
3. Baħar ta' Barents
4. Baħar tat-Tramuntana
5. Il-Baħar Baltiku
6. Il-Baħar Mediterran